Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10654/22

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0196(COD)**

**AGRI 288**
**PESTICIDE 22**
**SEMENCES 13**
**AGRILEG 104**
**ENV 665**
**PHYTOSAN 25**
**CODEC 1003**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 23 ta' Ġunju 2022 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 305 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 305 final.

Mehmuż: COM(2022) 305 final

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 22.6.2022
COM(2022) 305 final

2022/0196 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 257 final} - {SWD(2022) 169 final} - {SWD(2022) 170 final} - {SWD(2022) 171 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-pestiċidi[1] huma taħlitiet ta' sustanza attiva fformulata, waħda jew aktar, u ta' koformulanti, li jintużaw b'mod wiesa' biex jipproteġu l-pjanti billi jbiegħdu, jimmitigaw jew jeqirdu l-organiżmi ta' ħsara. Jintużaw prinċipalment fl-agrikoltura iżda wkoll fil-forestrija u f'żoni urbani ħodor u tul networks tat-trasport bħat-toroq u l-linji ferrovjarji. Peress li l-pestiċidi jista' jkollhom effetti ta' ħsara fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem, dawn huma rregolati b'mod strett fil-livell tal-UE. Għall-finijiet ta' din il-proposta, it-terminu "pestiċidi" se jintuża b'mod sinonimu mat-terminu "prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti".

Id-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi (SUD)[2] ġiet adottata fl-2009 bħala waħda mill-azzjonijiet ta' segwitu tal-Istrateġija tematika tal-Kummissjoni dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi[3]. L-Istati Membri kienu meħtieġa jdaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-SUD fil-liġi domestika tagħhom sas-26 ta' Novembru 2011. Il-Kummissjoni qieset li jkun xieraq li twettaq evalwazzjoni tal-SUD li tqis ukoll il-problemi identifikati bl-implimentazzjoni, l-infurzar u l-applikazzjoni tagħha fl-Istati Membri. Din il-ħidma twettqet bħala valutazzjoni back-to-back, li tinkorpora kemm evalwazzjoni kif ukoll valutazzjoni tal-impatt. Il-Kummissjoni ttamat li tuża l-valutazzjoni biex tgħin biex tressaq proposta leġiżlattiva ġdida biex l-SUD tiġi riveduta sal-ewwel trimestru tal-2022, kif iddikjarat fl-istrateġija mill-għalqa sal-platt[4].

Bħalissa hemm dgħufijiet fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar tal-SUD. Dawn id-dgħufijiet ġew enfasizzati minn awditi u minn żjarat ta' tiftix tal-fatti tal-Kummissjoni fl-Istati Membri u minn rapporti ta' implimentazzjoni:

(i) mill-Kummissjoni;

(ii) mill-istudju tas-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-SUD; u

(iii) minn rapport riċenti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Barra minn hekk, it-tħassib soċjetali dejjem jikber dwar

---

1 Id-definizzjoni legali tal-pestiċidi stabbilita fl-Artikolu 3(10) tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tinkludi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u bijoċidi, iżda peress li l-ambitu tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli qatt ma ġie estiż għall-bijoċidi, din il-proposta hija ristretta għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti biss.

2 Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

3 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Strateġija tematika dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi", COM(2006) 373 final, id-Dokument 52006DC0372, www.eur-LEX.europa.eu.

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent", COM/2020/381 final.

l-użu tal-pestiċidi jista' jidher fil-ħafna petizzjonijiet, inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej[5], u mistoqsijiet Parlamentari Ewropej dwar din il-kwistjoni.

Il-feedback li wasal matul il-konsultazzjoni pubblika dwar il-pjan direzzjonali ta' evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu tal-Kummissjoni indikaw nuqqasijiet serji fl-implimentazzjoni tal-SUD f'xi Stati Membri. Dan il-feedback ħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni biex tintroduċi regoli aktar stretti, pereżempju fl-għamla ta' regolament fil-livell tal-UE biex tiżdied il-koerenza u jiġu introdotti politiki aktar effettivi fl-Istati Membri individwali. L-armonizzazzjoni tal-politiki nazzjonali dwar l-użu tal-pestiċidi tista' tgħin biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern u jitnaqqsu d-distorsjonijiet kummerċjali bejn l-Istati Membri.

Il-ksib ta' produzzjoni tal-ikel sikura, sostenibbli, ġusta, responsabbli għall-klima, u affordabbli, bir-rispett tal-prinċipji tas-sostenibbiltà, tal-ambjent, tas-salvagwardja tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, hija ta' tħassib kbir għaċ-ċittadini u tinsab fost id-49 proposta inklużi fir-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa[6], ippubblikat fid-9 ta' Mejju 2022. Iċ-ċittadini jitolbu wkoll lill-Unjoni biex tipproteġi u tirrestawra l-bijodiversità, il-pajsaġġ u l-oċeani, u telimina t-tniġġis, kif ukoll biex tieħu miżuri deċiżivi biex tippromwovi u tiggarantixxi agrikoltura aktar ekoloġika u orjentata lejn il-klima[7].

Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew[8], l-istrateġija mill-għalqa sal-platt tal-Kummissjoni[9] tenfasizza l-ħtieġa għal tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent. L-istrateġija mill-għalqa sal-platt tenfasizza wkoll l-importanza li tittejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa (li huma kruċjali għall-ġestjoni ta' din it-tranżizzjoni) fil-katina tal-valur. Tipproponi żewġ miri speċifiċi biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi kimiċi u ta' pestiċidi aktar perikolużi, kif ukoll ir-riskju minnhom, sal-2030. Ir-regolamentazzjoni tal-UE f'dan il-qasam hija għodda kruċjali biex

---

5 L-inizjattiva ta' suċċess "Projbizzjoni tal-glifosat biex b'hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi" talbet lill-Kummissjoni, taħt it-tielet għan tagħha, "jiġu stabbiliti miri obbligatorji mal-UE kollha għat-tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi, bil-għan li jkollna ġejjieni ħieles mill-pestiċidi". Fit-tweġiba tagħha adottata fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddikjarat li se tevalwa mill-ġdid il-ħtieġa għal miri obbligatorji fl-UE kollha għall-pestiċidi. L-inizjattiva Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b'saħħtu tistieden lill-Kummissjoni tipproponi atti legali biex telimina gradwalment il-pestiċidi sintetiċi sal-2035, tirrestawra l-bijodiversità, u tappoġġa lill-bdiewa fit-tranżizzjoni; l-inizjattiva ġabret aktar minn 1 miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ sat-30 ta' Settembru 2021, li bħalissa qed jiġu vverifikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

6 *Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa — Rapport dwar l-Eżitu Finali*, Mejju 2022, Proposta 1, p. 43. Il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa saret bejn April 2021 u Mejju 2022. Kien eżerċizzju uniku u mmexxi miċ-ċittadini ta'demokrazija deliberattiva fil-livell pan-Ewropew, li involva eluf ta' ċittadini Ewropej kif ukoll atturi politiċi, sħab soċjali, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati ewlenin.

7 *Ibid.*, Il-Proposta 2 p. 44, u l-Proposta 30, p 72.

8 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" COM/2019/640 final, EUR-Lex - 52019DC0640 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

9 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, ""Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent", COM/2020/381 final.

jintlaħqu l-miri deskritti fl-istrateġija mill-għalqa sal-platt, u għalhekk jenħtieġ li tissaħħaħ.

Kif huwa spjegat fil-valutazzjoni tal-impatt ta' sostenn, u filwaqt li titqies l-evalwazzjoni ta' appoġġ, il-proposta għandha l-erba' objettivi li ġejjin.

- L-ewwel objettiv huwa li:
  - (i) jitnaqqas l-użu kif ukoll ir-riskju tal-pestiċidi kimiċi, b'mod partikolari dawk li fihom sustanzi attivi aktar perikolużi;
  - (ii) jiżdiedu l-applikazzjoni u l-infurzar tal-ġestjoni integrata tal-pesti (IPM); u
  - (iii) jiżdied l-użu ta' alternattivi inqas perikolużi u mhux kimiċi għall-pestiċidi kimiċi għall-kontroll tal-pesti.
- It-tieni objettiv huwa li tittejjeb id-disponibbiltà tad-*data* ta' monitoraġġ, inkluż dwar:
  - (i) l-applikazzjoni u l-użu tal-pestiċidi, u r-riskju minnhom; u
  - (ii) il-monitoraġġ tas-saħħa u dak ambjentali. Dan se jiżgura qafas aħjar biex jitkejjel il-progress.
- It-tielet objettiv huwa li jittejbu l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi fl-Istati Membri kollha biex jittejbu l-effettività u l-effiċjenza tal-politika.
- Ir-raba' objettiv huwa li tiġi promossa l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, bħall-biedja ta' preċiżjoni li tagħmel użu mid-*data* u s-servizzi tal-ispazju (inklużi tekniki ta' lokalizzazzjoni ġeospazjali), bl-għan li jitnaqqas l-użu u r-riskju ġenerali tal-pestiċidi.

L-evalwazzjoni riċenti tal-SUD ikkonfermat id-diffikultajiet li ilhom jeżistu u li ġew identifikati fl-applikazzjoni, fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tagħha. Minħabba dawn id-diffikultajiet, din il-proposta għal regolament dwar l-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (SUR) għandha l-għan li:

(i) tissotitwixxi l-SUD fir-regolamentazzjoni tal-użu tal-pestiċidi; u

(ii) tallinja aħjar mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-istrateġija mill-għalqa sal-platt.

Din il-proposta għandha l-għan li tnaqqas ir-riskji mill-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, kif ukoll l-impatti tiegħu, billi:

(i) tilħaq miri għat-tnaqqis tal-pestiċidi li jinsabu fl-istrateġija mill-għalqa sal-platt; u

(ii) tippromwovi l-użu tal-IPM u ta' alternattivi għall-pestiċidi kimiċi.

Regolament huwa xieraq kemm biex jiġi żgurat li jintlaħaq il-livell ta' ambizzjoni fl-istrateġija mill-għalqa sal-platt kif ukoll biex jiġu rrimedjati l-problemi identifikati bl-implimentazzjoni tal-SUD billi jiġu pprovduti regoli ċari u uniformi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta hija konsistenti mal-objettiv tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li l-politiki kollha tal-UE jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-preservazzjoni u r-restawr tal-kapital naturali tal-Ewropa. Hija konsistenti wkoll mal-għanijiet:

(i) tat-tnaqqis tal-użu ta' pestiċidi kimiċi u r-riskju minnhom; u

(ii) tat-tnaqqis tal-użu ta' pestiċidi aktar perikolużi.

Dawn l-għanijiet huma preżenti fid-dokumenti li ġejjin:

(i) l-istrateġija mill-għalqa sal-platt;

(ii) l-istrateġija għall-bijodiversità[10];

(iii) il-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero[11]; u

(iv) l-istrateġija għall-ħamrija[12].

Dan l-għan huwa konsistenti wkoll mal-ilħuq tal-objettivi tal-inizjattiva tal-UE dwar il-pollinaturi[13], l-istrateġija tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi[14] għas-sostenibbiltà u l-qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027[15].

Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-miri tal-Kummissjoni Ewropea li sal-2030 ikollha mill-inqas 25 % tal-art agrikola tal-UE taħt biedja organika – u żieda sinifikanti fl-akkwakultura organika. Il-proposta tikkomplementa wkoll inizjattivi attwali oħra. Pereżempju, ir-Regolament xxx/xxx dwar l-istatistika dwar l-inputs u l-outputs agrikoli tas-settur agrikolu [*għandha tiddaħħal referenza għall-att adottat*] se jippermetti lill-Kummissjoni tippubblika aktar *data* dwar il-bejgħ u l-użu tal-pestiċidi mqassma skont is-sustanzi attivi individwali. Bħala parti mill-pjan ta' azzjoni mill-għalqa sal-platt, il-Kummissjoni ħejjiet erba' abbozzi ta' Regolamenti dwar ir-rekwiżiti tad-*data*, il-kriterji għall-approvazzjoni u l-prinċipji ta' evalwazzjoni għas-sustanzi attivi li huma mikroorganiżmi u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi, bl-objettiv li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq għal prodotti alternattivi għall-pestiċidi kimiċi. Dawn it-testi se jiġu adottati u se jsiru applikabbli fil-ħarifa tal-2022. L-objettiv huwa li l-bdiewa jingħataw għodod biex jissostitwixxu l-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti. Billi jiġi ffaċilitat it-tqegħid fis-suq ta' dawn il-prodotti bijoloġiċi għall-protezzjoni tal-pjanti, il-bdiewa – inklużi dawk li

10 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna", COM/2020/380 final.

11 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd – Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM(2021) 400 final.

12 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030 – Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima", COM(2021) 699 final.

13 Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi - Ambjent - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

14 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità", COM/2020/667 final.

15 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel*, COM/2021/323 final.

jipproduċu għelejjel organiċi – se jkollhom aktar alternattivi disponibbli għall-protezzjoni sostenibbli tal-għelejjel.

Il-proposta hija rilevanti wkoll għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, kif elenkati fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jinsabu fl-Oċean Atlantiku, fl-Oċean tal-Karibew u fl-Oċean Indjan. Minħabba restrizzjonijiet permanenti bħall-pożizzjoni remota tagħhom mill-kontinent tal-UE, l-insularità u d-dipendenza fuq ftit prodotti u l-esponiment għoli għat-tibdil fil-klima, huma intitolati għal miżuri speċifiċi biex jappoġġaw l-iżvilupp soċjoekonomiku tagħhom. Kif previst ukoll fl-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni u għar-restawr tal-ekosistemi tar-reġjuni ultraperiferiċi, minħabba l-valur tal-bijodiversità eċċezzjonalment rikk tagħhom.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

*Il-politika agrikola komuni (PAK)*

Skont il-PAK il-ġdida[16] (li għandha tiġi implimentata mill-1 ta' Jannar 2023), l-Istati Membri se jiġu megħjuna biex: (i) jiffinanzjaw azzjonijiet f'konformità mal-miri għat-tnaqqis tal-pestiċidi fl-istrateġija mill-għalqa sal-platt; u (ii) jippromwovu prattiki ta' biedja sostenibbli. L-elementi rilevanti tal-SUD attwali diġà huma inklużi fis-sistema ta' kundizzjonalità skont il-PAK. Il-PAK il-ġdida tinkludi wkoll diversi strumenti għall-promozzjoni tal-biedja ta' preċiżjoni. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-ekoskemi u l-impenji ambjentali, klimatiċi u ta' ġestjoni oħra biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' prattiki ta' biedja ta' preċiżjoni. Barra minn hekk, il-PAK tinkludi l-possibbiltà li tiffinanzja l-investimenti, pereżempju fit-tagħmir tal-makkinarju, u fl-għodod tal-ġestjoni tar-riskju, kif ukoll l-appoġġ għall-bini tal-għarfien tekniku bħat-taħriġ, il-konsulenza, il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-għarfien. B'mod aktar speċifiku, permezz tas-servizzi konsultattivi tal-PAK għall-azjendi agrikoli, l-Istati Membri għandhom joffru pariri lill-bdiewa dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, l-innovazzjoni, it-teknoloġiji diġitali, it-tnaqqis tal-esponiment għall-pestiċidi u l-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti. Il-bini tal-kapaċitajiet għall-adozzjoni u l-użu effettiv tat-teknoloġiji diġitali mill-bdiewa jista' jissaħħaħ ukoll permezz tal-appoġġ, il-kooperazzjoni u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-Produttività u s-Sostenibbiltà Agrikoli (EIP-AGRI). Barra minn hekk, fil-pjanijiet strateġiċi tagħhom tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jispjegaw kif se jużaw l-istrumenti tal-PAK biex jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-objettivi rilevanti.

*Il-politika ambjentali u dwar is-sustanzi kimiċi*

Din il-proposta tinteraġixxi ma' għadd ta' politiki ambjentali u ma' atti leġiżlattivi, pereżempju:

[16] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

(i) miri ppjanati għar-restawr tan-natura[17];

(ii) l-inizjattiva dwar il-pollinaturi[18] li tindirizza t-tnaqqis tal-pollinaturi fl-UE u tikkontribwixxi għall-isforzi ta' konservazzjoni globali;

(iii) il-listi ta' sustanzi li jniġġsu u l-istandards regolatorji fid-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali[19], fid-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art[20] u fid-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb[21].

Hija kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-liġijiet tal-UE dwar l-ilma, inkluża d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma[22]. Hija torbot ukoll mar-rekwiżiti ta' konservazzjoni tan-natura fid-Direttivi dwar il-Ħabitats u l-Għasafar.

*Il-politika tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali*

Il-proposta hija komplementari għad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* rilevanti tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, b'mod partikolari d-Direttiva Qafas 89/391/KEE[23], id-Direttiva 98/24/KE[24], id-Direttiva 2004/37/KE[25], id-Direttiva 2009/104/KE[26] u d-Direttiva 89/656/KEE[27]. Hija konformi mal-qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021–2027, li jagħti attenzjoni speċifika lill-ħtieġa li jissaħħaħ it-taħriġ biex jiżdiedu l-ħiliet tal-bdiewa u s-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar ir-regoli tas-saħħa u s-sikurezza fl-azjendi agrikoli, inkluż l-użu sikur ta' sustanzi kimiċi, b'mod partikolari l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

---

17 miri tal-UE għar-restawr tan-natura (europa.eu).

18 Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi - Ambjent - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

19 Id-Direttiva 2013/39/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 li temenda d-Direttivi 2000/60/KE u 2008/105/KE rigward sustanzi prijoritarji fil-qasam tal-politika dwar l-ilma.

20 Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84-97.

21 Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

22 Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

23 Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

24 Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11).

25 Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50).

26 Id-Direttiva 2009/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sikurezza u ta' saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 260, 3.10.2009, p. 5)

27 Id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tielet Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 393, 30.12.1989, p. 18).

*Inizjattiva għal Sistema tal-Unjoni tal-Ikel Sostenibbli*

Din il-proposta hija komplementari għall-inizjattiva leġiżlattiva ppjanata dwar qafas ta' sistema tal-ikel sostenibbli, li għandha l-għan li tippromwovi l-koerenza tal-politika fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, li tintegra s-sostenibbiltà fil-politiki kollha relatati mal-ikel u li ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tal-ikel tal-Unjoni. Din l-inizjattiva ppjanata hija bbażata fuq approċċ orizzontali li se jintroduċi objettivi relatati mas-sostenibbiltà, definizzjonijiet komuni, prinċipji ġenerali, kif ukoll rekwiżiti għal sistema tal-Unjoni tal-ikel sostenibbli, filwaqt li tindirizza r-responsabbiltajiet tal-atturi kollha fis-sistema tal-ikel. Flimkien mat-tikkettar dwar il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tal-prodotti tal-ikel u b'inċentivi mmirati, il-qafas se jippermetti lill-operaturi jibbenefikaw minn prattiki sostenibbli u jiżgura li l-ikel fis-suq tal-UE, u l-operazzjonijiet relatati mal-ikel, isiru dejjem aktar sostenibbli. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament se jaġixxu bħala *lex specialis* fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti mill-inizjattiva ppjanata sal-punt li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament jinkludu dispożizzjonijiet aktar speċifiċi bl-istess objettiv, natura u effett meta mqabbla ma' dawk li għandhom jiġu stabbiliti fl-inizjattiva ppjanata.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għall-azzjoni f'dan il-qasam hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, li jagħti s-setgħa lill-Unjoni Ewropea li tieħu azzjoni biex tippreserva, tipproteġi u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent u tipproteġi s-saħħa tal-bniedem. L-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam hija ġġustifikata mill-kwistjonijiet ambjentali u tas-saħħa pubblika involuti.

- **Sussidjarjetà**

L-SUD ħolqot qafas biex jinkiseb l-użu sostenibbli tal-pestiċidi. Inkonsistenza kontinwa fil-miżuri meħuda fl-Istati Membri flimkien ma' implimentazzjoni li tvarja/mhux kompluta tal-SUD (kif deskritt fl-evalwazzjoni li takkumpanja din il-proposta) twassal għal livelli differenti ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent. Din twassal ukoll għal kondizzjonijiet diverġenti għall-utenti prinċipali tal-pestiċidi, u dan imur kontra l-objettivi tat-Trattati[28]. It-theddida għall-bijodiversità u għall-ekosistemi marbuta mal-użu tal-pestiċidi taqsam il-fruntieri u teħtieġ azzjoni b'saħħitha fil-livell tal-UE. Kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern qed jiġu mxekkla mill-varjazzjonijiet attwali fil-livelli ta' azzjoni meħuda fi Stati Membri differenti.

Azzjoni kkoordinata tal-UE tista' tissupplimenta u ssaħħaħ b'mod effettiv l-azzjonijiet nazzjonali u lokali dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi. L-UE għandha wkoll strumenti ewlenin oħra fil-politiki agrikoli u tal-ikel li għandhom sinerġiji mal-miżuri stabbiliti fil-proposta. Flimkien ma' inċentivi u ma' miżuri possibbli ta' mitigazzjoni tar-riskju, huwa mistenni li azzjoni aktar b'saħħitha fil-livell tal-UE dwar il-pestiċidi (inkluż f'assoċjazzjoni ma' politiki relatati bħall-PAK) tista':

[28] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jintlaħaq użu sostenibbli tal-pestiċidi, COM(2006) 373 final, p. 8.

(i) tgħin biex jitnaqqsu l-varjazzjonijiet attwali fl-approċċi nazzjonali; u

(ii) tikkontribwixxi għal approċċ aktar omoġenu fil-futur.

Dawn l-objettivi ma jistgħux jiġu stabbiliti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom: l-iskala tal-azzjoni meħtieġa tfisser li dawn l-objettivi jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE. Għalhekk, azzjoni uniformi tal-UE hija ġustifikata u neċessarja.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tiżgura:

(i) livell xieraq ta' ambizzjoni; u

(ii) effiċjenza u effettività mtejba tal-politika.

Hija tikseb dan billi tqis is-sejbiet tal-evalwazzjoni li takkumpanja din il-proposta. Il-proposta tipprevedi kemm *data* mtejba, kif ukoll monitoraġġ/implimentazzjoni aħjar tal-miżuri biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi u r-riskju minnhom.

Dwar il-miri tal-Istati Membri, din il-proposta tevita l-iffissar ta' miri obbligatorji uniformi għall-Istati Membri. Dan għaliex il-linja bażi attwali tal-użu tal-pestiċidi tvarja ħafna bejn l-Istati Membri. Il-proporzjonalità tal-proċess tal-iffissar tal-miri ġiet żgurata billi ġiet prevista formula leġiżlattiva li tippermetti li jitqiesu d-differenzi fil-progress u fl-intensità tal-użu tal-pestiċidi bejn l-Istati Membri.

- **Għażla tal-istrument**

L-evidenza disponibbli dwar in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-SUD fl-Istati Membri turi li l-approċċ preċedenti li r-regoli dettaljati jitħallew għat-traspożizzjoni nazzjonali skont Direttiva ma ħadimx sal-punt previst mill-proposta oriġinali tal-SUD. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-SUD jikkonfermaw l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar diverġenti u mhux uniformi tal-SUD madwar l-Istati Membri. Dawn is-sejbiet ġew ikkonfermati minn indiċi ta' monitoraġġ tal-konformità tal-Kummissjoni deskritt fl-evalwazzjoni. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabet ukoll li kien hemm bżonn ta' kriterji aktar ċari u rekwiżiti aktar speċifiċi dwar l-IPM biex jgħinu fl-iżgurar tal-infurzar u fil-valutazzjoni tal-konformità[29]. Minħabba li hemm tant varjabbli agrikoli kumplessi fil-ġestjoni tal-pesti, regoli li huma ċari u uniformi jenħtieġ li jissimplifikaw il-konformità u li jtejbu l-infurzar. L-applikazzjoni konsistenti tal-politika madwar l-Istati Membri tinkiseb aħjar permezz ta' regolament, għall-kuntrarju ta' direttiva. Barra minn hekk, regolament jiffaċilita kundizzjonijiet aktar ekwi fost l-utenti tal-pestiċidi, peress li regoli differenti dwar l-użu tal-pestiċidi madwar l-Istati Membri għandhom it-tendenza li joħolqu kompetizzjoni inġusta u jxekklu l-funzjonament xieraq tas-suq uniku.

[29] Rapport Speċjali 05/2020:L-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti: progress limitat fil-kejl u fit-tnaqqis tar-riskji (europa.eu).

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni li takkumpanja din il-proposta sabet li l-koerenza interna u esterna tal-SUD ma' politiki u ma' strumenti oħra tal-UE hija ġeneralment b'saħħitha, mingħajr l-ebda inkonsistenza jew duplikazzjoni maġġuri. L-objettivi tal-SUD kienu, u għadhom, rilevanti ħafna biex jindirizzaw ir-riskji li l-użu tal-pestiċidi joħloq għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem. Madankollu, l-SUD kienet biss moderatament effettiva. Id-dgħufijiet identifikati mill-Kummissjoni u minn oħrajn jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-IPM, u l-effettività limitata tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tal-Istati Membri (NAPs). Ħafna Stati Membri ma jistabbilixxux miri jew indikaturi kwantitattivi fl-NAPs tagħhom biex jippromwovu l-użu sostenibbli tal-pestiċidi jew jipproteġu aħjar is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Lanqas ma hemm sistema effettiva ta' monitoraġġ, u dan irriżulta f'*data* limitata dwar l-użu tal-pestiċidi. Dan għamilha diffiċli li tintlaħaq konklużjoni dwar kemm, fil-fatt, l-SUD ipproteġiet is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-effetti negattivi tal-pestiċidi. Il-miżuri introdotti preċedentement skont il-PAK ma setgħux jinċentivaw lill-bdiewa biex jiksbu użu aktar sostenibbli tal-pestiċidi.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni (RSB) ta opinjoni negattiva dwar l-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni għal din il-proposta fis-26 ta' Novembru 2021. L-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt kien fl-għamla ta' dokument ta' ħidma tal-persunal. L-RSB talab li d-dokument jiġi rivedut biex:

(i) ikun aktar ċar dwar id-*data* u l-evidenza disponibbli għall-inizjattiva;

(ii) jipprovdi analiżi jew narrattiva aktar robusti għall-miri tal-użu tal-pestiċidi u tat-tnaqqis tar-riskju;

(iii) ikun aktar ċar dwar id-disponibbiltà u l-affordabilità tat-tekniki tal-biedja ta' preċiżjoni u dwar l-alternattivi inqas perikolużi għall-pestiċidi kimiċi; u

(iv) jidentifika u janalizza aħjar l-impatti u l-kompromessi tal-inizjattiva għall-ambjent, is-saħħa u l-ekonomija.

Fis-26 ta' Jannar 2022, l-RSB ta opinjoni oħra – din id-darba pożittiva bir-riżervi – dwar id-dokument ta' ħidma tal-persunal rivedut tal-valutazzjoni tal-impatt. Wara din it-tieni opinjoni, id-dokument ġie emendat ulterjorment biex jindirizza r-riżervi tal-RSB sabiex id-dokument ikun jista':

- jispjega b'mod ċar in-nuqqas ta' evidenza dwar il-bejgħ u l-użu tal-pestiċidi, kif ukoll il-limitazzjonijiet korrispondenti li dan in-nuqqas ta' evidenza joħloq għad-definizzjoni tal-problema, il-formulazzjoni tal-għażliet u l-analiżi tal-impatt;
- jiġġustifika aħjar l-għażla għall-miri vinkolanti doppji ta' tnaqqis ta' 50 % u kif dawn jirrelataw ma' xulxin;
- jispeċifika l-livell ta' progress meħtieġ fl-Istati Membri individwali biex dawn ikunu konformi mal-miri vinkolanti doppji tat-tnaqqis tal-UE, u jispeċifika kif dan se jitkejjel, jiġi allokat, jew jirriżulta f'kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet;
- jiċċara l-inizjattivi ta' akkumpanjament inklużi fil-linja bażi għall-valutazzjoni tal-impatt; u

- jistabbilixxi bażi u perjodu ta' żmien aktar kredibbli għall-evalwazzjoni futura tal-inizjattiva.

Il-valutazzjoni tal-impatt finali ġiet prodotta fl-għamla ta' dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni u ġiet riveduta f'konformità ma' dawn l-opinjonijiet, il-kummenti u l-punti għal titjib tal-RSB.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Pjan direzzjonali ta' evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt tal-bidu kkombinati dwar din il-proposta ġew ippubblikati u nfetħu għar-rispons mill-pubbliku mid-29 ta' Mejju sas-7 ta' Awwissu 2020. B'kollox waslu 360 tweġiba. Il-konsultazzjoni pubblika saret mit-18 ta' Jannar sat-12 ta' April 2021 u rċeviet total ta' 1 699 tweġiba. Il-feedback li wasal kien jirrappreżenta firxa wiesgħa ta' fehmiet, kif deskritt fir-rapport fil-qosor li ġabar b'mod konċiż il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (dan ir-rapport fil-qosor huwa anness mal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta). L-utenti professjonali tal-pestiċidi enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi protett ir-rendiment tal-għelejjel kif ukoll li tiġi protetta l-kwalità tal-għelejjel. Partijiet ikkonċernati oħra enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi promossa l-IPM, li tiżdied id-disponibbiltà ta' alternattivi għall-pestiċidi kimiċi, u li jiġu vvalutati aħjar l-impatti fuq is-saħħa u fuq l-ambjent tal-użu ta' pestiċidi kimiċi. Il-Kummissjoni organizzat avvenimenti mill-bogħod għall-partijiet ikkonċernati dwar din l-inizjattiva fid-19 ta' Jannar, fil-25 ta' Ġunju u fil-5 ta' Ottubru 2021. F'dawn l-avvenimenti għall-partijiet ikkonċernati ħarġu għadd ta' kwistjonijiet, inkluż:

(i) tħassib mill-utenti tal-pestiċidi dwar il-possibbiltà li jkun hemm inqas pestiċidi disponibbli fis-suq;

(ii) l-appoġġ finanzjarju limitat taħt il-PAK għall-implimentazzjoni tal-IPM;

(iii) il-ħtieġa li jiġi protett id-dħul tal-bdiewa;

(iv) il-promozzjoni tar-rwol ta' teknoloġiji ġodda;

(v) il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent; u

(vi) jekk għandhiex titkompla projbizzjoni fuq l-applikazzjoni mill-ajru tal-pestiċidi. Il-biċċa l-kbira tal-NGOs enfasizzaw l-importanza li jintlaħqu l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-miri relatati. Kwistjoni oħra enfasizzata fl-avvenimenti għall-partijiet ikkonċernati kienet il-ħtieġa li tittejjeb l-implimentazzjoni tal-NAPs.

Saru wkoll stħarriġiet immirati, workshops u studji tal-każijiet fi:

(i) studju estern ikkuntrattat mill-Kummissjoni li jappoġġa l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt; u

(ii) studju supplimentari ta' prospettiva dwar xenarji ta' viżjoni futuri dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.

Id-dettalji tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni[30] u fuq il-Portal għal Regolamentazzjoni Aħjar[31]. Il-partijiet ikkonċernati li kienu involuti u li kkontribwew għal dawn l-attivitajiet ta' konsultazzjoni kienu jinkludu:

(i) bdiewa u kuntratturi li japplikaw il-pestiċidi;

(ii) utenti mhux agrikoli tal-pestiċidi;

(iii) NGOs tas-saħħa u ambjentali;

(iv) assoċjazzjonijiet professjonali li jirrappreżentaw l-industrija u l-atturi ekonomiċi fis-setturi rilevanti (eż. dawk li jrabbu n-naħal, l-industrija tal-kimika, l-industrija tat-tagħmir ta' applikazzjoni tal-pestiċidi, l-industrija taż-żrieragħ, eċċ.);

(v) assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi;

(vi) l-imsieħba soċjali (organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema);

(vii) il-pubbliku ġenerali;

(viii) awtoritajiet kompetenti nazzjonali u reġjonali tal-UE u mhux tal-UE; u

(ix) esperti xjentifiċi.

It-tweġibiet għall-attivitajiet differenti wrew li l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati kienu fil-biċċa l-kbira maqsuma f'żewġ opinjonijiet wiesgħa. L-ewwel grupp kien tal-fehma li l-użu tal-pestiċidi jenħtieġ li jitnaqqas f'konformità mal-mira tat-tnaqqis tar-riskju b'mod li jaħdem mal-utenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. It-tieni grupp kien tal-fehma li jekk ma jitneħħiex għalkollox, l-użu tal-pestiċidi jenħtieġ li jitnaqqas b'mod sinifikanti. Il-proposta ġiet żviluppata bħala approċċ proporzjonat u realistiku, iżda xorta waħda ambizzjuż, biex jiġi indirizzat it-tħassib tas-soċjetà dwar l-użu u r-riskju tal-pestiċidi. Huwa approċċ li:

(i) xorta jippermetti li l-pestiċidi jintużaw meta jkun meħtieġ u xieraq u b'mod sikur; u

(ii) jippromwovi sistemi ta' taħriġ u ta' konsulenza għal tekniki alternattivi ta' kontroll tal-pesti u l-implimentazzjoni aħjar tal-IPM.

Kif deskritt fil-valutazzjoni tal-impatt, għadd ta' għażliet ta' politika ġew skartati abbażi tal-feedback tal-partijiet ikkonċernati. Il-livell ta' ambizzjoni tal-għażliet ta' politika finalment magħżula kkunsidra wkoll il-feedback li wasal mill-partijiet ikkonċernati.

- **L-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej:**

Żewġ inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej jindirizzaw l-użu tal-pestiċidi u jitolbu miri ambizzjużi ta' tnaqqis. L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ta' suċċess "Projbizzjoni tal-glifosat biex b'hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi" talbet lill-Kummissjoni, taħt it-tielet għan tagħha, "li jiġu stabbiliti miri obbligatorji mal-

[30] Evalwazzjoni u Valutazzjoni tal-Impatt (europa.eu).

[31] Il-pestiċidi – użu sostenibbli (regoli aġġornati tal-UE) (europa.eu).

UE kollha għat-tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi, bil-għan li jkollna ġejjieni ħieles mill-pestiċidi". Fit-tweġiba tagħha adottata fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddikjarat li se tevalwa mill-ġdid il-ħtieġa għal miri obbligatorji fl-UE kollha għall-pestiċidi.

L-inizjattiva "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b'saħħtu" tistieden lill-Kummissjoni tipproponi atti legali biex "gradwalment jitneħħew il-pestiċidi sintetiċi fl-agrikoltura tal-UE bi 80 % sal-2030, u l-ewwel li jitneħħew huma dawk l-aktar perikolużi, biex sal-2035 inkunu ħielsa minn pestiċidi sintentiċi." L-inizjattiva ġabret aktar minn 1 miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ sat-30 ta' Settembru 2021, li bħalissa qed jiġu vverifikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri. Jekk tiġi vvalidata u ppreżentata uffiċjalment, il-Kummissjoni se tiddeskrivi l-azzjonijiet li biħsiebha tieħu, jekk ikun hemm, f'komunikazzjoni.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-inizjattiva kienet appoġġata minn żewġ studji esterni kkuntrattati mill-Kummissjoni, li kienu jinkludu rieżami fil-fond tal-letteratura, workshops, studji tal-każijiet, u stħarriġiet.

Il-valutazzjoni tal-impatt hija bbażata wkoll fuq informazzjoni addizzjonali minn għadd ta' studji oħra li użaw l-immudellar ekonomiku biex jistmaw l-impatt potenzjali li jintlaħqu l-miri fl-istrateġija mill-għalqa sal-platt, inklużi l-miri għall-użu tal-pestiċidi u għat-tnaqqis tar-riskju.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-iskeda tas-sommarju eżekuttiv għall-valutazzjoni tal-impatt hija disponibbli hawnhekk. L-opinjoni pożittiva tal-RSB hija disponibbli hawnhekk.

L-għan tal-proposta li jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi u r-riskju minnhom – biex jiġu protetti s-saħħa, il-bijodiversità u l-ambjent, huwa rilevanti għall-ambizzjoni tal-Kummissjoni li twettaq l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU. B'mod partikolari, huwa rilevanti għall-għanijiet 3 (saħħa u benessri), 6 (ilma nadif), 8 (xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku), 11 (bliet sostenibbli), 12 (konsum u produzzjoni sostenibbli), 14 (il-ħajja taħt l-ilma) u 15 (il-ħajja fuq l-art).

F'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-proposta tikkonforma wkoll mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Skont dan il-prinċipju, l-attivitajiet jenħtieġ li ma jagħmlux ħsara sinifikanti lil kwalunkwe wieħed mis-sitt objettivi ambjentali, skont it-tifsira tal-Artikolu 17 f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament dwar it-Tassonomija[32]. Is-sitt objettivi huma: il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; l-adattament għat-tibdil fil-klima; l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar; it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari; il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis; u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi.

L-għażliet ta' politika prinċipali li ġejjin ġew ivvalutati fil-konfront ta' xenarju bażi probabbli fejn l-SUD jibqa' l-istess.

---

[32] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088, ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.

**Għażla 1:** Il-miri tal-UE biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi b'50 % u jitnaqqsu r-riskji mill-pestiċidi b'50 % li għandhom jintlaħqu sal-2030 jibqgħu mhux legalment vinkolanti. Is-sistemi konsultattivi u l-gwida għall-utenti tal-pestiċidi jittejbu. It-tekniki tal-biedja ta' preċiżjoni jiġu promossi biex jitnaqqas l-użu ta'pestiċidi kimiċi u r-riskju minnhom.

**Għażla 2:** Il-miri ta' tnaqqis ta' 50 % isiru legalment vinkolanti fil-livell tal-UE. L-Istati Membri jistabbilixxu l-miri ta' tnaqqis nazzjonali tagħhom stess bl-użu ta' kriterji stabbiliti. Dawn il-miri nazzjonali mbagħad ikunu legalment vinkolanti (skont il-liġi nazzjonali) u soġġetti għal mekkaniżmi ta' governanza marbuta ma' rapportar annwali regolari mill-Istati Membri. L-użu ta' pestiċidi aktar perikolużi jkun ipprojbit f'żoni sensittivi bħal żoni ħodor urbani. L-utenti professjonali tal-pestiċidi jkollhom iżommu rekords elettroniċi dwar l-użu tal-pestiċidi u dwar l-IPM biex jgħinu fit-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi. L-awtoritajiet nazzjonali jiġbru u janalizzaw dawk ir-rekords biex jimmonitorjaw il-progress u jfasslu miżuri korrettivi fil-livell nazzjonali jekk ikun meħtieġ. Servizzi ta' konsulenza indipendenti jagħtu pariri lill-utenti tal-pestiċidi dwar tekniki alternattivi u l-IPM.

**L-għażla 3** tkun simili għall-għażla 2. Madankollu, fl-għażla 3, il-miri ta' tnaqqis ta' 50 % isiru legalment vinkolanti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. L-użu tal-pestiċidi kimiċi kollha jkun ipprojbit f'żoni sensittivi bħal żoni urbani u żoni protetti f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE, żoni ta' Natura 2000 eċċ.

**L-għażla ppreferuta hija l-għażla 3**, ħlief għall-miri, li fil-każ tagħhom hija ppreferuta l-għażla 2. F'dan il-każ, il-miri biex jitnaqqas kemm l-użu tal-pestiċidi kif ukoll ir-riskju mill-pestiċidi b'50 % isiru legalment vinkolanti fil-livell tal-UE, filwaqt li l-Istati Membri jistabbilixxu l-miri ta' tnaqqis nazzjonali tagħhom stess skont il-liġi nazzjonali. L-għażliet ġew ivvalutati f'paragun ma' xenarju bażi probabbli fejn l-SUD jibqa' l-istess. Il-projbizzjoni tal-użu tal-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti f'żoni sensittivi se timmassimizza l-benefiċċji assoċjati għas-saħħa u l-ambjent.

L-għażla ppreferuta hija konsistenti mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, mal-istrateġija mill-għalqa sal-platt, mal-istrateġija għall-bijodiversità, u mal-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero. Din l-għażla ppreferuta se tipprovdi firxa ta' benefiċċji għas-soċjetà, għall-bijodiversità u għall-ekosistemi billi tnaqqas ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mill-użu tal-pestiċidi. Il-protezzjoni tal-bijodiversità se tgħin ukoll biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$. Dan huwa konsistenti mal-objettiv tan-newtralità tal-karbonju għall-2050 madwar l-UE kollha u mal-mira intermedja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'55 % sal-2030, stabbilit fl-Artikoli 2(1) u 4(1) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima[33]. Skont din l-għażla ppreferuta, l-utenti tal-pestiċidi se jkunu infurmati aħjar dwar alternattivi effettivi għall-pestiċidi kimiċi, li jippermettulhom inaqqsu l-użu tal-pestiċidi tagħhom u l-ispejjeż relatati, filwaqt li xorta jipproduċu prodotti tal-ikel li jkunu kompetittivi fis-suq. Bis-saħħa ta' data aktar dettaljata dwar l-użu tal-pestiċidi u l-IPM skont din l-għażla ppreferuta, l-

[33] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jiżguraw li, kemm jista' jkun, il-miżuri nazzjonali jkunu ta' benefiċċju għall-bdiewa, għall-pubbliku, għal partijiet ikkonċernati oħra u għall-ambjent. L-għażla ppreferuta tiżgura wkoll li l-azzjonijiet tal-Istati Membri jkunu aktar trasparenti u ċari.

B'mod konsistenti mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija għall-Bijodiversità, it-tnaqqis tal-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti għandu l-għan mhux biss li jiżgura s-saħħa pubblika, iżda wkoll li jippreserva l-bijodiversità u jipproteġi l-ambjent, b'mod partikolari fejn ikunu involuti kwistjonijiet globali, bħas-salvagwardja tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi.

Skont din l-għażla ppreferuta, il-kostijiet tal-produzzjoni għal kull unità se jiżdiedu minħabba:

(i) rekwiżiti ta' rapportar aktar stretti u dettaljati;

(ii) it-tnaqqis mistenni tar-rendimenti minħabba l-użu aktar baxx tal-pestiċidi; u

(iii) l-inklużjoni ta' saff tal-kostijiet addizzjonali għal dawk l-utenti professjonali li bħalissa ma jużawx konsulenti.

Skont din il-proposta, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jipprovdu appoġġ taħt il-PAK biex ikopru l-ispejjeż lill-bdiewa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti legali kollha imposti minn din il-proposta għal perjodu ta' ħames snin. Dan għandu jipprevjeni kwalunkwe żieda fil-prezzijiet tal-ikel li tirriżulta minn obbligi ġodda stabbiliti f'din il-proposta. Ħafna mid-dispożizzjonijiet li jinsabu f'din il-proposta diġà kienu jeżistu taħt l-SUD u għalhekk ma għandu jkollhom l-ebda impatt fuq il-prezzijiet tal-ikel jew fuq ir-rendimenti tal-għelejjel. Il-bidliet introdotti minn din il-proposta se jkunu gradwali, u għalhekk se jkomplu jimminimizzaw kwalunkwe impatt fuq is-sigurtà tal-ikel.

Ikunu meħtieġa wkoll miżuri potenzjali ta' tpaċija u ta' mitigazzjoni tar-riskju biex tiġi miġġielda kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux mixtieqa għal pajjiżi barra mill-UE, speċjalment il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Tali miżuri tal-UE jistgħu jappoġġaw il-ħidma tal-FAO biex:

(i) tnaqqas ir-riskju mill-pestiċidi permezz ta' approċċ tajjeb ta' ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja;

(ii) tgħin lill-gvernijiet u lill-partijiet ikkonċernati fid-dinja fil-fażi tal-iżvilupp biex jadottaw prattiki bbażati fuq l-ekosistema; u

(iii) titjieb il-ġestjoni tal-pestiċidi fl-agrikoltura globalment.

L-SMEs affettwati se jinkludu:

(i) bdiewa u SMEs oħra li jużaw u li jbigħu pestiċidi u tagħmir ta' applikazzjoni tal-pestiċidi;

(ii) ġesturi tal-prodotti agrikoli u tal-pestiċidi;

(iii) proċessuri u intermedjarji tal-ikel;

(iv) kuntratturi agrikoli; u

(v) konsulenti agrikoli.

Skont l-għażla ta' politika ppreferuta se jakkumulaw kostijiet u benefiċċji differenti għall-SMEs. L-Istati Membri jistgħu japplikaw inċentivi jew mitigazzjoni, inkluż taħt il-PAK, biex jindirizzaw xi wħud mill-impatti tal-għażla. Barra minn hekk,

applikazzjoni aktar konsistenti u uniformi tar-regoli dwar l-użu tal-pestiċidi se tnaqqas id-distorsjonijiet tas-suq bejn l-utenti tal-pestiċidi madwar l-Istati Membri, li bħalissa japplikaw ir-regoli eżistenti b'mod differenti.

Se jkun hemm kostijiet ta' kontroll u ta' amministrazzjoni għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tar-regoli aġġornati u fil-ġbir u fl-analiżi tad-*data* ta' monitoraġġ rilevanti. Dan huwa partikolarment minnu għal kwalunkwe kost inizjali tal-istabbiliment biex tiġi introdotta sistema ta' ġbir tad-*data*.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

F'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar, il-proposta tħejjiet b'mod inklużiv, abbażi tat-trasparenza u l-involviment kontinwu mal-partijiet ikkonċernati. L-evalwazzjoni ma identifikatx simplifikazzjonijiet leġiżlattivi possibbli jew tnaqqis tal-piż regolatorju li jagħmilha aktar faċli li jintlaħqu l-objettivi tal-użu sostenibbli tal-pestiċidi. Il-mikrointrapriżi ma humiex eżentati minn din il-proposta minħabba l-importanza ta' implimentazzjoni uniformi ta' miżuri biex jitnaqqas kemm l-użu tal-pestiċidi kif ukoll ir-riskju li jippreżentaw għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

Din il-proposta hija konformi mal-politika diġitali peress li tippromwovi ż-żamma elettronika tar-rekords u l-pubblikazzjoni online tax-xejriet fil-progress lejn l-ilħuq:

(i) tal-miri ta' tnaqqis tal-pestiċidi;

(ii) tal-implimentazzjoni tal-NAPs;

(iii) tar-rapporti annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni;

(iv) tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni; u

(v) tat-tweġibijiet tal-Istati Membri.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti għal servizzi diġitali kosteffiċjenti, iffukati fuq l-utent u interoperabbli se jitqiesu fir-regoli ta' implimentazzjoni għar-reġistri elettroniċi li se jinħolqu minħabba l-proposta.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[34]. B'mod partikolari, hija tikkontribwixxi għall-objettiv ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Infurzar aħjar tal-politika biex jitnaqqas ir-riskju mill-użu tal-pestiċidi u tiġi protetta s-saħħa, jista' jikkontribwixxi wkoll għad-dritt fundamentali ta' "kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa" (l-Artikolu 31, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE). B'mod partikolari, jista' jikkontribwixxi għad-dritt għall-kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sikurezza u d-dinjità tal-ħaddiema.

[34] ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandhiex impatt fuq il-baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-indikatur eżistenti biex jitkejjel l-ilħuq taż-żewġ miri tal-pestiċidi fl-istrateġija mill-għalqa sal-platt se jifforma l-bażi tal-monitoraġġ ċentrali annwali tal-progress lejn dawn il-miri fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri. Ta' min jinnota li d-*data* li tindika jekk il-miri tal-2030 dwar it-tnaqqis tal-użu u r-riskju tal-pestiċidi ntlaħqux x'aktarx li ma ssirx disponibbli qabel l-2032.

L-Istati Membri se jkollhom bżonn jimmonitorjaw:

- l-istabbiliment u l-użu ta' servizzi ta' konsulenza indipendenti;
- l-implimentazzjoni tar-regoli tal-IPM fil-livell tal-azjendi agrikoli permezz tar-reġistru elettroniku integrat tal-ġestjoni tal-pesti u tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;
- l-ispezzjoni tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali permezz ta' reġistri speċifiċi;
- it-taħriġ tal-utenti professjonali, tad-distributuri u tal-konsulenti;
- l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti permezz ta' reġistru elettroniku.

L-Istati Membri se jirrapportaw l-informazzjoni miġbura minn dan il-monitoraġġ kull sena lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-informazzjoni u tissupplimentaha bl-awditi tagħha stess.

Biex tissupplimenta dan il-monitoraġġ annwali, il-Kummissjoni tipproponi li tevalwa formalment din l-inizjattiva mhux qabel seba' snin wara li l-proposta ġuridika ppjanata ssir applikabbli.

Barra minn hekk, id-*data* ta' monitoraġġ kif deskritta hawn u fil-valutazzjoni tal-impatt ta' sostenn, tista' tintuża wkoll direttament għall-monitoraġġ tal-objettivi ta' politika ġenerali stabbiliti skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali, inkluż: l-istrateġija mill-għalqa sal-platt; l-istrateġija għall-bijodiversità; u l-monitoraġġ u l-prospetti ta' tniġġis żero.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I jistabbilixxi s-suġġett u d-definizzjonijiet.

Il-Kapitolu II jistabbilixxi l-miri tal-UE għat-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi u r-riskju minnhom b'50 % f'konformità mal-istrateġija mill-għalqa sal-platt, u li għalihom l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu (kollettivament). Jipprevedi li l-Istat Membri jenħtieġ li jadottaw miri vinkolanti skont il-liġi nazzjonali tagħhom, li jistgħu jiddevjaw mil-livell ta' 50 % tal-miri tal-UE fi ħdan il-parametri ta' formula vinkolanti. Din il-formula tippermetti lill-Istati Membri jqisu l-progress u l-intensità storiċi fl-istabbiliment tal-miri nazzjonali. Sar provvediment biex il-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet biex jiġu stabbiliti miri dejjem akbar f'ċerti każijiet u biex jiġu ppubblikati x-xejriet lejn l-ilħuq tal-miri ta' tnaqqis tal-UE għall-2030.

Il-Kapitolu III jiddeskrivi x'jenħtieġ li jinkludu l-NAPs kif ukoll ir-rekwiżiti:

(i) għal konsultazzjoni pubblika dwar dawn l-NAPs; u

(ii) biex l-NAPs ikunu koerenti mal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK.

Dan il-kapitolu jistabbilixxi wkoll id-dettalji li għandhom jiġu inklużi dwar il-miri indikattivi għall-alternattivi għall-pestiċidi kimiċi. Jipprevedi:

(i) li l-Istati Membri, fir-rapporti annwali dwar il-progress u l-implimentazzjoni, għandhom jinkludu x-xejriet tagħhom dwar il-progress biex jintlaħqu ż-żewġ miri kif ukoll *data* kwantitattiva oħra; u

(ii) li l-Kummissjoni tanalizza dawn ir-rapporti u tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet.

Il-Kapitolu IV jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-utenti professjonali fl-IPM f'każijiet fejn regoli speċifiċi għall-għelejjel ikunu ġew adottati jew ma jkunux ġew adottati mill-Istati Membri. Jirrikjedi ż-żamma ta' rekords mill-utenti professjonali dwar l-IPM u l-użu ta' konsulenti indipendenti. Jipprevedi l-adozzjoni u s-sorveljanza ta' regoli speċifiċi għall-għelejjel għall-IPM li jridu jiġu segwiti minn utenti professjonali. Jipprevedi wkoll il-ħolqien ta' reġistru elettroniku tal-IPM.

Il-Kapitolu V jistabbilixxi r-rekwiżiti li, f'ċerti ċirkostanzi, l-utenti professjonali, id-distributuri u l-konsulenti għandu jkollhom ċertifikat ta' taħriġ. Jistabbilixxi wkoll rekwiżiti ġenerali għall-użu tal-pestiċidi u tat-tagħmir ta' applikazzjoni. Barra minn hekk, fih dispożizzjonijiet dwar:

(i) l-użu tal-pestiċidi f'żoni sensittivi;

(ii) il-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku u tal-ilma tax-xorb;

(iii) applikazzjoni mill-ajru;

(iv) il-ħżin, ir-rimi u l-immaniġġjar; u

(v) il-konsulenza dwar l-użu tal-pestiċidi.

Il-Kapitolu VI jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-bejgħ ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Jistabbilixxi wkoll it-tip ta' informazzjoni dwar il-pestiċidi li trid tiġi pprovduta lill-akkwirenti fil-ħin tal-bejgħ.

Il-Kapitolu VII jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni ta' utenti professjonali, konsulenti u distributuri. Jipprevedi l-ħolqien ta' sistema konsultattiva indipendenti. Jirrikjedi li l-Istati Membri jqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-kwistjonijiet tal-pestiċidi u jippubblikaw informazzjoni importanti online. Dan jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jiġbru informazzjoni dwar inċidenti ta' avvelenament akut u kroniku minħabba l-pestiċidi.

Il-Kapitolu VIII huwa relatat mat-tagħmir ta' applikazzjoni tal-pestiċidi. Jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-ispezzjoni tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali. Huwa jipprevedi reġistru/i elettroniku/elettroniċi biex jirreġistra(w) l-informazzjoni dwar it-tagħmir kollu ta' applikazzjoni f'użu professjonali. Jistabbilixxi rekwiżiti ta' notifika għat-trasferiment tas-sjieda jew għall-irtirar mill-użu. Jeħtieġ spezzjonijiet f'intervalli ta' tliet snin, bil-possibbiltà ta' deroga minn dawk ir-rekwiżiti ta' spezzjoni għal ċertu tagħmir ta' applikazzjoni.

Il-Kapitolu IX jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-indikaturi tar-riskju armonizzati u għall-kalkolu tal-progress lejn il-miri ta' tnaqqis għall-2030.

Il-Kapitolu X jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji:

(i) għan-notifika lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti lill-Kummissjoni;

(ii) għall-penali; u

(iii) għat-tariffi u l-imposti.

Il-Kapitolu XI jipprevedi l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni skont l-SUR.

Il-Kapitolu XII iħassar l-SUD u jipprevedi d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tal-SUR.

2022/0196 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) It-Trattat jirrikjedi li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u tal-attivitajiet kollha tal-Unjoni, u jipprevedi li l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha timmira lejn livell għoli ta' protezzjoni.

(2) Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] stabbiliet qafas biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi billi jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent. L-evalwazzjoni[4] ta' dik id-Direttiva sabet li ma laħqitx l-objettivi ġenerali tagħha u li l-Istati Membri ma implimentawhiex b'mod sodisfaċenti. Din il-konklużjoni ġiet ikkonfermata f'rapporti mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2017[5] u fl-2020[6].

---

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU C […], […], p. […].

3 Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

4 [Għandha tiddaħħal ir-referenza.]

5 Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Istati Membri u dwar il-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi COM(2017)587 final.

(3) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2019 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi[7] osservat li l-Unjoni trid taġixxi mingħajr dewmien għat-tranżizzjoni lejn użu aktar sostenibbli tal-pestiċidi u talbet lill-Kummissjoni biex tipproponi mira vinkolanti ambizzjuża għall-Unjoni kollha għat-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi. Il-Parlament Ewropew afferma mill-ġdid it-talba tiegħu għal miri vinkolanti ta' tnaqqis fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar Strateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent[8].

(4) Fl-2018, studju[9] mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) sab progress f'ħafna Stati Membri iżda ksib ġenerali limitat tal-objettivi tad-Direttiva 2009/128/KE. Rapport speċjali tal-2020[10] mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti sab li hemm progress limitat fil-kejl u t-tnaqqis tar-riskji mill-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u identifika dgħufijiet fil-qafas attwali tal-Unjoni. Kif ġie osservat fir-rapport ta' informazzjoni tiegħu fir-rigward tal-evalwazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE[11], il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iqis ukoll li huwa essenzjali li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti, il-miri, il-kundizzjonijiet u l-iskedi stabbiliti skont il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi tal-qafas ġuridiku tal-Unjoni dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jintlaħqu bis-sħiħ, jeħtieġ li dan jiġi adattat billi jiġu stabbiliti regoli aktar ċari u direttament applikabbli għall-operaturi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ċċarati għadd ta' regoli, inklużi r-regoli dwar l-applikazzjoni tal-ġestjoni integrata tal-pesti, ir-restrizzjonijiet tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-ispezzjonijiet ta' tagħmir użat biex jiġu applikati l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Għalhekk huwa xieraq li d-Direttiva 2009/128/KE titħassar u tiġi sostitwita b'regolament.

(6) Ir-regoli dwar il-prodotti bijoċidali huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], u hija ppjanata evalwazzjoni ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, ma huwiex xieraq li jiġu introdotti regoli ġodda dwar l-użu tal-prodotti bijoċidali f'dan ir-Regolament.

---

6 Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri b'rabta mal-implimentazzjoni tal-miri nazzjonali stabbiliti fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom u mal-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi COM(2020) 204 final.

7 P8_TA(2019)0082, it-12 ta' Frar 2019.

8 P9_TA(2021)0425, l-20 ta' Ottubru 2021.

9 Is-Servizz Ewropew għar-Riċerka Parlamentari, id-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi – il-Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea, Ottubru 2018.

10 L-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti: progress limitat fil-kejl u fit-tnaqqis tar-riskji, Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ISBN:978-92-847-4206-6, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020.

11 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Evaluation on Directive on the Sustainable Use of Pesticides (Rapport ta' informazzjoni), adottat fis-27 ta' April 2021.

12 Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

(7) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[13] stabbiliet pjan direzzjonali ta' miżuri ewlenin, inkluż miżuri leġiżlattivi, biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-użu u r-riskju tal-pestiċidi kimiċi. Fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt[14], fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030[15] u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero[16], il-Kummissjoni impenjat ruħha li tieħu azzjoni biex tnaqqas b'50 % l-użu u r-riskju ġenerali mill-pestiċidi kimiċi sal-2030 u tnaqqas b'50 % l-użu ta' pestiċidi aktar perikolużi (prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanza attiva waħda jew aktar approvata bħala kandidat għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] u elenkati fil-Parti E tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011[18], jew li fihom sustanza attiva waħda jew aktar elenkata fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/408[19]) sal-2030. L-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti huwa wkoll komplementari għall-promozzjoni tal-biedja organika u għall-ilħuq tal-mira tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt ta' mill-inqas 25 % tal-art agrikola tal-Unjoni taħt biedja organika sal-2030. Jappoġġa l-objettivi tal-qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol[20] u b'hekk jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju 10 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali dwar ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sikur u adattat sew.

(8) Żewġ inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej jindirizzaw l-użu tal-pestiċidi u jitolbu miri ambizzjużi ta' tnaqqis. L-inizjattiva "Projbizzjoni tal-glifosat biex b'hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi" sottomessa lill-Kummissjoni fis-6 ta' Ottubru 2017 talbet lill-Kummissjoni, taħt it-tielet għan tagħha, "jiġu stabbiliti miri

---

13 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Patt Ekoloġiku Ewropew COM/2019/640 final.

14 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM/2020/381 final.

15 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, COM/2020/380 final.

16 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM(2021) 400 final.

17 Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

18 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

19 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/408 tal-11 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 80(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jistabbilixxi lista ta' kandidati għas-sostituzzjoni (ĠU L 67, 12.3.2015, p. 18).

20 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel*, COM/2021/323 final.

obbligatorji mal-UE kollha għat-tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi, bil-għan li jkollna ġejjieni ħieles mill-pestiċidi". Fit-tweġiba tagħha adottata fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddikjarat li se tevalwa mill-ġdid il-ħtieġa għal miri obbligatorji fl-UE kollha għall-pestiċidi. Aktar reċentement, l-inizjattiva "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!"Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b'saħħtu tistieden lill-Kummissjoni tipproponi atti legali "biex tipproponi atti legali biex gradwalment jitneħħew il-pestiċidi sintetiċi sal-2035, biex terġa' tiġi stabbilita l-bijodiversità, u biex jiġu appoġġjati l-bdiewa fit-tranżizzjoni." L-inizjattiva ġabret aktar minn 1 miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ sat-30 ta' Settembru 2021, li bħalissa qed jiġu vverifikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

(9) Fir-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, ippubblikat fid-9 ta' Mejju 2022, fir-rigward tal-proposti dwar l-agrikoltura, il-produzzjoni tal-ikel, il-bijodiversità u l-ekosistemi, it-tniġġis, iċ-ċittadini jitolbu lill-Unjoni b'mod partikolari biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-użu tal-pestiċidi u tal-fertilizzanti kimiċi, f'konformità mal-miri eżistenti, filwaqt li xorta waħda tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, u l-appoġġ għar-riċerka biex jiġu żviluppati alternattivi aktar sostenibbli u bbażati fuq in-natura. Iċ-ċittadini jitolbu għal aktar riċerka u innovazzjonijiet, inkluż f'soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-produzzjoni sostenibbli, ir-reżistenza tal-pjanti, u l-biedja ta' preċiżjoni, u aktar komunikazzjoni, sistemi konsultattivi, u taħriġ għall-bdiewa u mingħandhom kif ukoll talbu lill-Unjoni biex tipproteġi l-insetti, b'mod partikolari l-insetti indiġeni u dakkara.[21]

(10) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2020[22], il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, meta osserva l-miri ta' tnaqqis tal-Kummissjoni għall-użu tal-pestiċidi stabbiliti fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, indika li l-ilħuq ta' dawk il-miri se jeħtieġ sforzi mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati kollha u kooperazzjoni, konsultazzjoni u kollaborazzjoni intensivi. Il-Kunsill talab ukoll lill-Kummissjoni biex tiżgura li dawn il-miri jkunu miri tal-Unjoni li għalihom l-Istati Membri kollha jridu jikkontribwixxu permezz ta' azzjoni fil-livell nazzjonali. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill jitolbu li dawn il-miri jiġu stabbiliti filwaqt li jitqiesu l-kisbiet sal-lum, kif ukoll il-punti tat-tluq, iċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet differenti tal-Istati Membri.

(11) L-aġenti ta' kontroll bijoloġiku huma alternattiva ta' kontroll sostenibbli għall-użu ta' prodotti kimiċi għall-kontroll ta' organiżmi ta' ħsara. Kif ġie osservat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1102[23], l-aġenti ta' kontroll bijoloġiku għandhom importanza dejjem akbar fl-agrikoltura u l-forestrija sostenibbli, u għandhom rwol strumentali fis-suċċess tal-ġestjoni integrata tal-pesti u tal-biedja organika. L-aċċess għall-kontrolli bijoloġiċi jiffaċilita t-tbegħid mill-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti. Huwa xieraq li l-bdiewa jiġu mħeġġa jaqilbu għal metodi agrikoli b'input baxx, inkluża l-biedja organika. Għalhekk huwa xieraq li jiġi ddefinit il-kunċett ta' kontroll

---

[21] *Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa — Rapport dwar l-Eżitu Finali*, Mejju 2022, Il-Proposti 1 u 2, p. 43-44.

[22] Brussell, id-19 ta' Ottubru 2020, 12099/20.

[23] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1102 tat-28 ta' Ġunju 2021 li titlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju dwar is-sitwazzjoni u l-għażliet tal-Unjoni rigward l-introduzzjoni, l-evalwazzjoni, il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku invertebrati fit-territorju tal-Unjoni u proposta, jekk ikun xieraq fid-dawl tar-riżultati tal-istudju (ĠU L 238, 6.7.2021, p. 81).

bijoloġiku bħala bażi għall-Istati Membri biex jistabbilixxu miri indikattivi biex jiżdied il-perċentwal ta' għelejjel li fuqhom jintużaw aġenti ta' kontroll bijoloġiku.

(12) L-objettiv tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt huwa li jsir progress sostanzjali fit-tnaqqis tal-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti b'mod ekonomikament vijabbli. Sabiex jintlaħaq dak l-għan, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti miri kwantifikati fil-livelli tal-Unjoni u tal-Istati Membri għat-tnaqqis fl-użu u fir-riskju ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi għall-monitoraġġ tal-progress. Il-miri nazzjonali jenħtieġ li jiġu stabbiliti mil-liġi nazzjonali sabiex jiġu żgurati progress u responsabbiltà adegwati fir-rigward tagħhom. Dawn il-miri nazzjonali vinkolanti jenħtieġ li jintlaħqu wkoll mill-Istati Membri sal-2030. It-tnaqqis fl-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti huwa mistenni li jnaqqas b'mod sinifikanti r-riskji għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali għall-utenti professjonali.

(13) Minħabba l-livelli differenti ta' progress storiku u d-differenzi fl-intensità tal-użu tal-pestiċidi bejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw xi flessibbiltà huma u jistabbilixxu l-miri nazzjonali vinkolanti tagħhom stess ("miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030"). L-intensità tal-użu titkejjel l-aħjar billi l-kwantità totali ta' sustanzi attivi mqiegħda fis-suq, u għalhekk użati, fil-forma ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fi Stat Membru partikolari tiġi diviża bl-erja tas-superfiċje li fuqha ġew applikati s-sustanzi attivi. L-intensità fl-użu tal-pestiċidi kimiċi, u b'mod partikolari tal-pestiċidi aktar perikolużi, tikkorrelata ma' dipendenza akbar fuq il-pestiċidi kimiċi, riskji akbar għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u prattiki tal-biedja inqas sostenibbli. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew iqisu l-intensità aktar baxxa tal-użu tagħhom tal-pestiċidi kimiċi mill-medja tal-Unjoni meta jistabbilixxu l-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 tagħhom. Huwa xieraq ukoll li jkunu rikjesti jqisu l-intensità ogħla tal-użu tal-pestiċidi kimiċi mill-medja tal-Unjoni meta jistabbilixxu l-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 tagħhom. Sabiex jingħata rikonoxximent lill-isforzi passati tal-Istati Membri, jenħtieġ li dawn jitħallew iqisu wkoll il-progress storiku qabel l-adozzjoni tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt meta jistabbilixxu miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030. Min-naħa l-oħra, meta l-Istati Membri jkunu żiedu, jew għamlu biss tnaqqis limitat fl-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew ir-riskju minnhom, issa jenħtieġ li jagħmlu kontribut akbar għall-ilħuq tal-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030, filwaqt li jqisu wkoll l-intensità tal-użu tal-pestiċidi tagħhom. Madankollu, sabiex jiġi żgurat sforz ġust u kollettiv lejn l-ilħuq ta' miri għall-Unjoni kollha u livell adegwat ta' ambizzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti minimi għall-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030. Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, kif elenkati fl-Artikolu 349 tat-Trattat, jinsabu fl-Oċean Atlantiku, fil-Karibew u fl-Oċean Indjan. Minħabba restrizzjonijiet permanenti bħad-distanza tagħhom lejn il-kontinent Ewropew, l-insularità u l-esponiment għoli għat-tibdil fil-klima, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn ir-reġjuni fir-rigward tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u miżuri mfassla apposta għal kundizzjonijiet klimatiċi u għelejjel speċifiċi. Sabiex jiġi żgurat sforz ġust u kollettiv lejl l-ilħuq tal-miri komuni tal-Unjoni, meta Stat Membru jilħaq il-livell tal-mira ta' tnaqqis nazzjonali għall-2030 tiegħu qabel l-2030, jenħtieġ li ma jkunx rikjest jagħmel sforzi addizzjonali, iżda jeħtieġ li jimmonitorja mill-qrib il-fluttwazzjonijiet annwali fl-użu u fir-riskju tal-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u fl-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi biex jiżgura l-progress lejn l-ilħuq tal-mira ta' tnaqqis nazzjonali għall-2030 rispettiva. Fl-interess tat-trasparenza, it-tweġibiet tal-Istati Membri għal kwalunkwe rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-livell ta'

ambizzjoni tal-miri nazzjonali u l-progress annwali li jsir lejhom jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku.

(14) L-Istati Membri jenħtieġ li jabbozzaw u jippubblikaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali. Sabiex il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tal-Istati Membri jkunu effettivi, jenħtieġ li jkun fihom objettivi kwantitattivi, referenzi għal miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 vinkolanti, kif stabbiliti fil-liġi nazzjonali, flimkien ma' miri indikattivi relatati stabbiliti fil-pjanijiet ta' azzjoni, miżuri, skedi u indikaturi nazzjonali biex jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Dan se jippermetti approċċ strutturat għall-istabbiliment ta' objettivi u miri kwantitattivi, b'rabta ċara mal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030. Sabiex tiġi mmonitorjata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa wkoll jirrapportaw kull sena dwar il-miri u *data* kwantitattiva preċiża relatata mal-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu, it-taħriġ, it-tagħmir ta' applikazzjoni u l-ġestjoni integrata tal-pesti.

(15) Sabiex jintlaħqu l-miri ta' tnaqqis għall-Unjoni kollha ("miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030") kif ukoll il-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030, huwa meħtieġ li jiżdiedu d-disponibbiltà u l-użu tal-kontroll bijoloġiku u alternattivi oħra mhux kimiċi. Id-disponibbiltà ta' dawn l-alternattivi se tinċentiva l-adozzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni tal-pesti b'input baxx ta' pestiċidi bħall-biedja organika.

(16) L-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri fl-oqsma tal-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandha impatt fuq l-ambjent. fuq is-saħħa pubblika u fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-pubbliku u l-imsieħba soċjali jingħataw biżżejjed opportunitajiet biex jipparteċipaw fit-tħejjija tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tal-Istati Membri u biex jiġu kkonsultati dwarhom, f'konformità, fejn applikabbli, mad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24].

(17) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-komplementarjetà ma' leġiżlazzjoni relatata, il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tal-Istati Membri jenħtieġ li jqisu d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25], id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[26], id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27], id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE[28], id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29], id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-

---

24 Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

25 Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

26 Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

27 Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

28 Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

29 Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

Kunsill[30] u r-Regolament xxx/xxx dwar ir-restawr tan-natura [*għandha tiddaħħal referenza għal att adottat*] u jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-Pjanijiet Strateġiċi tal-Politika Agrikola Komuni ("PAK") imfassla f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31].

(18) L-istrumenti ekonomiċi, inklużi dawk taħt il-PAK li jipprovdu appoġġ lill-bdiewa, jista' jkollhom rwol kruċjali fl-ilħuq tal-objettivi relatati mal-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u, b'mod partikolari, it-tnaqqis tal-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti. L-Istati Membri jridu juru fil-pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tagħhom tal-PAK li l-implimentazzjoni tagħhom tal-PAK tikkontribwixxi għal leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u l-objettivi tagħhom, inklużi l-objettivi skont dan ir-Regolament, u tappoġġahom.

(19) Għall-finijiet ta' trasparenza u sabiex jiġi mħeġġeġ progress akbar, huwa meħtieġ li jitkejjel il-progress li sar mill-Istati Membri fir-rigward tal-ilħuq tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 u miri nazzjonali indikattivi oħra ta' tnaqqis. Dan jenħtieġ li jsir fuq bażi annwali permezz ta' rapporti annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni. Sabiex jiġi mmonitorjat il-livell ta' konformità ma' dan ir-Regolament b'mod simplifikat u faċilment komparabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu wkoll *data* kwantitattiva fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-użu, it-taħriġ, it-tagħmir ta' applikazzjoni u l-ġestjoni integrata tal-pesti. Sabiex il-Kummissjoni tħeġġeġ il-progress lejn l-ilħuq tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 u miri nazzjonali indikattivi oħrajn ta' tnaqqis, inkluż kwalunkwe miżura li tappoġġa tali lħuq, il-Kummissjoni jenħtieġ li tanalizza tali progress u miżuri kull sentejn.

(20) Huwa meħtieġ approċċ għall-kontroll tal-pesti li jsegwi l-ġestjoni integrata tal-pesti fl-iżgurar ta' kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-mezzi kollha disponibbli li jiskoraġġixxu l-iżvilupp ta' popolazzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara, filwaqt li l-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti jinżamm f'livelli li huma ekonomikament u ekoloġikament ġustifikati u li jimminimizzaw ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. "Ġestjoni integrata tal-pesti" tenfasizza t-tkabbir ta' għelejjel b'saħħithom bl-inqas tfixkil possibbli għall-agroekosistemi, tħeġġeġ mekkaniżmi naturali ta' kontroll tal-pesti u tuża kontroll kimiku biss meta l-mezzi l-oħra kollha ta' kontroll jiġu eżawriti. Sabiex jiġi żgurat li l-ġestjoni integrata tal-pesti tiġi implimentata b'mod konsistenti fil-prattika, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari f'dan ir-Regolament. Sabiex ikun hemm konformità mal-obbligu li tiġi segwita l-ġestjoni integrata tal-pesti, utent professjonali jenħtieġ li jqis u jimplimenta l-metodi u l-prattiki kollha li jevitaw l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti jenħtieġ li

30 Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

31 Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija
(FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

jintużaw biss meta jkunu ġew eżawriti l-mezzi l-oħrajn kollha ta' kontroll. Sabiex tiġi żgurata u mmonitorjata l-konformità ma' dan ir-rekwiżit, huwa importanti li l-utenti professjonali jżommu rekord tar-raġunijiet għaliex japplikaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew tar-raġunijiet għal kwalunkwe azzjoni oħra meħuda f'konformità mal-ġestjoni integrata tal-pesti u ta' pariri riċevuti b'appoġġ għall-implimentazzjoni tagħhom ta' ġestjoni integrata tal-pesti minn konsulenti indipendenti. Dawn ir-rekords huma meħtieġa wkoll għall-applikazzjonijiet mill-ajru.

(21) Sabiex tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi mudell standard għall-Istati Membri biex jintegraw ir-rekords miżmuma mill-utenti professjonali ta' azzjonijiet meħuda f'konformità mal-ġestjoni integrata tal-pesti ma' dawk miżmuma skont l-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(22) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-ġestjoni integrata tal-pesti, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-għelejjel li utent professjonali jrid isegwi fir-rigward tal-għalla speċifiku u tar-reġjun li fih jopera l-utent professjonali. Tali regoli jenħtieġ li jibdlu r-rekwiżiti ta' ġestjoni integrata tal-pesti fi kriterji verifikabbli li japplikaw għall-għalla speċifika. Sabiex jiġi żgurat li r-regoli speċifiċi għall-għelejjel ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-ġestjoni integrata tal-pesti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar dak li jenħtieġ li jkun fihom, u jenħtieġ li l-Kummissjoni tivverifika l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħhom fil-prattika.

(23) Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mill-utenti professjonali mal-ġestjoni integrata tal-pesti, jenħtieġ li jinżamm reġistru elettroniku integrat tal-ġestjoni tal-organiżmi ta' ħsara u tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bil-għan li tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli dwar il-ġestjoni integrata tal-pesti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-politika tal-Unjoni. Jenħtieġ li jingħata wkoll aċċess għar-reġistru lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika uffiċjali f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32]. Dan ir-reġistru jenħtieġ li jirreġistra kwalunkwe miżura jew intervent preventiv u r-raġunijiet għal dik il-miżura jew intervent preventiv. Dan jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni meħtieġa biex jivverifikaw jekk utent professjonali jkunx wettaq proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, f'konformità mal-ġestjoni integrata tal-pesti, qabel ma jiddetermina l-miżura jew l-intervent preventiv speċifiku. Ir-reġistru jenħtieġ li jkun fih ukoll dettalji fir-rigward tal-pariri meħtieġa kull sena b'appoġġ għall-ġestjoni integrata tal-pesti sabiex jiġi vverifikat li jkun qed iseħħ dan l-ippjanar strateġiku aktar fit-tul fir-rigward tal-ġestjoni integrata tal-pesti.

(24) Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u t-tagħmir ta' applikazzjoni relatat jintużaw b'mod li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, huwa meħtieġ li jiġu previsti rekwiżiti ġenerali dwar l-utenti professjonali fir-rigward tat-taħriġ

---

32 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

meħtieġ għall-użu ta' ċerti prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew tagħmir għall-applikazzjoni, l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi u l-ħtieġa li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti ta' spezzjoni għat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali.

(25) L-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jkollu impatti partikolarment negattivi f'ċerti żoni użati frekwentement mill-pubbliku ġenerali jew minn gruppi vulnerabbli, komunitajiet li fihom jgħixu u jaħdmu n-nies u żoni ekoloġikament sensittivi, bħal siti ta' Natura 2000 protetti f'konformità mad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] u mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[34]. Jekk il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jintużaw f'żoni użati mill-pubbliku ġenerali, il-possibbiltà ta' esponiment tal-bnedmin għal tali prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti hija għolja. Sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'żoni sensittivi u fi tliet metri bogħod minn tali żoni, għalhekk jenħtieġ li jiġi pprojbit. Id-derogi mill-projbizzjoni jenħtieġ li jkunu permessi biss f'ċerti kundizzjonijiet u fuq bażi ta' każ b'każ.

(26) L-ambjent akkwatiku u l-provvisti tal-ilma tax-xorb huma partikolarment sensittivi għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Sabiex jiġi protett l-ambjent akkwatiku, l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fiż-żoni tal-ilma tal-wiċċ u madwarhom għalhekk jenħtieġ li jiġi pprojbit. L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa biex jevitaw id-deterjorament tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art kif ukoll tal-ilmijiet kostali u tal-baħar, u jippermettu l-ilħuq ta' stat tajjeb tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art, biex jipproteġu l-ambjent akkwatiku u l-provvisti tal-ilma tax-xorb mill-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Barra minn hekk, huwa importanti li l-utenti professjonali jiġu mħarrġa dwar kif jimminimizzaw jew jeliminaw l-applikazzjonijiet ta' ċerti prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kklassifikati bħala "Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema", "Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema" jew "Tossiku għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema". Huwa importanti wkoll li l-utenti professjonali jiġu mħarrġa dwar l-importanza li tingħata preferenza lil prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx jew alternattivi mhux kimiċi, dwar l-użu ta' teknoloġija li tnaqqas id-deriva u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju.

(27) Il-biedja ta' preċiżjoni tirreferi għas-sistemi ta' ġestjoni agrikola li jadattaw bir-reqqa l-ġestjoni tal-għelejjel biex jissodisfaw kundizzjonijiet lokalizzati bħal dawk li jinsabu fl-irqajja' tal-art. L-applikazzjoni tat-teknoloġija eżistenti, inkluż l-użu ta' *data* u servizzi spazjali tal-UE (Galileo u Copernicus), għandha l-potenzjal li tnaqqas b'mod sinifikanti l-użu tal-pestiċidi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi previst qafas leġiżlattiv li jinċentiva l-iżvilupp tal-biedja ta' preċiżjoni. l-applikazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti minn inġenju tal-ajru, inkluż l-applikazzjoni minn ajruplani, ħelikopters u droni, normalment tkun inqas preċiża minn mezzi oħra ta' applikazzjoni, u għalhekk tista' potenzjalment tikkawża impatti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u

---

[33] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

[34] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

fuq l-ambjent. Għalhekk, l-applikazzjoni mill-ajru jenħtieġ li tiġi pprojbita, b'derogi limitati fuq bażi ta' każ b'każ fejn ikollha impatt inqas negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent minn kwalunkwe metodu ta' applikazzjoni alternattiv, jew ma jkun hemm l-ebda metodu ta' applikazzjoni alternattiv vijabbli. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi rreġistrat l-għadd ta' applikazzjonijiet mill-ajru mwettqa abbażi ta' permessi mogħtija għall-applikazzjoni mill-ajru sabiex ikun hemm *data* ċara dwar kemm fil-fatt seħħew applikazzjonijiet mill-ajru li għalihom ingħataw permessi.

(28) Madankollu, aktarx li ċerti inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ abbord (inkluż id-droni) se jippermettu l-applikazzjoni mill-ajru mmirata ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Dawn l-inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ aktarx li jgħinu biex jitnaqqas l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti minħabba applikazzjoni mmirata, u konsegwentement jgħinu biex jitnaqqsu r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent meta mqabbel mal-użu ta' tagħmir ta' applikazzjoni bbażat fuq l-art. Għalhekk huwa xieraq li f'dan ir-Regolament jiġu stabbiliti kriterji għal eżenzjoni ta' ċerti inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ abbord mill-projbizzjoni tal-applikazzjoni mill-ajru. Huwa xieraq ukoll li l-applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni tiġi differita għal tliet snin minħabba l-istat attwali ta' inċertezza xjentifika.

(29) L-immaniġġjar ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inkluż il-ħżin, id-dilwizzjoni u t-taħlit ta' tali prodotti, it-tindif tat-tagħmir tal-applikazzjoni wara l-użu, l-irkupru u r-rimi ta' taħlitiet tat-tankijiet u r-rimi ta' imballaġġ u fdalijiet vojta ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti joħolqu riskji partikolari ta' esponiment għall-bniedem u għall-ambjent. Għalhekk huwa xieraq li jiġu previsti miżuri speċifiċi li jindirizzaw dawn l-attivitajiet. Sal-punt li l-użu, il-ħżin u r-rimi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jirrikjedu l-konformità mar-rekwiżiti minimi tas-saħħa u tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, dawk ir-rekwiżiti huma stipulati minn, fost l-oħrajn, id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE[35], id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE[36], id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE[37], id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [38] u d-Direttiva 2009/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39].

---

35 Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

36 Id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tielet Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 393, 30.12.1989, p. 18).

37 Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' aġenti kimiċi fuq ix-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11).

38 Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50).

39 Id-Direttiva 2009/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sikurezza u ta' saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 260, 3.10.2009, p. 5).

(30) Minħabba l-importanza tal-parir dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala mezz biex jiġi appoġġat l-użu tagħhom b'mod li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent f'konformità mal-ġestjoni integrata tal-pesti, huwa importanti li l-konsulenti jkunu mħarrġa b'mod adegwat.

(31) Il-bejgħ ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti huwa element importanti fil-katina tad-distribuzzjoni minħabba li jippermetti lid-distributuri jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex jappoġġaw l-użu xieraq tiegħu. Fil-ħin tal-bejgħ jenħtieġ li jkun hemm disponibbli għax-xerrej jew għall-utent aħħari parir speċifiku dwar l-istruzzjonijiet ta' sikurezza għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, sabiex ikunu jistgħu jitwieġbu mistoqsijiet li jiffaċilitaw l-użu korrett tal-prodott rilevanti għall-protezzjoni tal-pjanti. Għall-utenti mhux professjonali, jenħtieġ li fil-ħin tal-bejgħ tkun disponibbli informazzjoni ġenerali dwar l-użu sikur, l-immaniġġjar u l-ħżin tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u dwar ir-rimi tal-imballaġġ ta' tali prodotti, peress li dawk l-utenti ġeneralment ma jkollhomx l-istess għarfien prattiku bħall-utenti professjonali.

(32) Huwa essenzjali li l-Istati Membri jistabbilixxu u jżommu sistemi ta' taħriġ kemm inizjali kif ukoll taħriġ ta' segwitu għad-distributuri, għall-konsulenti u għall-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll sistemi ta' ċertifikazzjoni biex iżommu rekord ta' dan it-taħriġ, sabiex jiġi żgurat li dawk l-operaturi jkunu konxji bis-sħiħ tar-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u tal-miżuri xierqa biex dawn ir-riskji jitnaqqsu kemm jista' jkun. It-taħriġ għall-konsulenti jenħtieġ li jkun aktar estensiv minn dak tad-distributuri u tal-utenti professjonali peress li jridu jkunu jistgħu jappoġġaw l-implimentazzjoni xierqa ta' ġestjoni integrata tal-pesti u ta' regoli speċifiċi għall-għelejjel. L-użu jew ix-xiri ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzat għall-użu professjonali jrid ikun limitat għal persuni fil-pussess ta' ċertifikat ta' taħriġ. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat l-użu sikur tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, id-distributuri jenħtieġ li fil-ħin tal-bejgħ ikunu meħtieġa jipprovdu kemm lix-xerrejja professjonali kif ukoll lil dawk mhux professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti informazzjoni speċifika għall-prodott.

(33) Sabiex jiġi żgurat approċċ ippjanat għat-tekniki ta' kontroll tal-organiżmi ta' ħsara f'għadd ta' staġuni ta' tkabbir bil-għan li jiġi minimizzat kemm jista' jkun l-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u biex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tal-ġestjoni integrata tal-pesti, l-utenti professjonali jenħtieġ li jkunu meħtieġa jikkonsultaw regolarment konsulenti mħarrġa u indipendenti dwar il-ġestjoni tal-pesti, sabiex il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jintużaw biss bħala l-aħħar għażla.

(34) Meta jitqiesu r-riskji possibbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mill-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-pubbliku jenħtieġ li jkollu aċċess għal informazzjoni aħjar dwar l-impatti ġenerali tal-użu ta' tali prodotti permezz ta' programmi ta' sensibilizzazzjoni, informazzjoni mgħoddija permezz tad-distributuri u miżuri xierqa oħra.

(35) Sabiex wieħed jifhem aħjar ix-xejriet rigward l-inċidenti ta' avvelenament akut u ta' avvelenament kroniku li jirriżultaw mill-esponiment tal-persuni għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kull Stat Membru jenħtieġ li jiġbor informazzjoni dwar dawn ix-xejriet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja wkoll ix-xejriet ġenerali fil-livell tal-Unjoni.

(36) Sabiex jiġu minimizzati l-impatti negattivi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent, huwa meħtieġ li jiġu previsti sistemi għal spezzjoni teknika regolari tat-tagħmir ta' applikazzjoni fl-użu professjonali. Minħabba

l-impatt potenzjalment imnaqqas tat-tagħmir ta' applikazzjoni fl-użu professjonali li jirrappreżenta livell baxx ħafna ta' użu, huwa xieraq ukoll li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu rekwiżiti ta' spezzjoni inqas stretti u jipprevedu intervalli ta' spezzjoni differenti fir-rigward ta' tali tagħmir. Barra minn hekk, minħabba l-kost relattivament baxx tax-xiri ta' tagħmir ta' applikazzjoni ġdid li jinżamm fl-idejn u ta' pompi tal-bexx li jintlibsu mad-dahar meta mqabbel mal-kostijiet tal-ispezzjoni, huwa xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà ta' derogi nazzjonali mill-ispezzjoni obbligatorja ta' tali tagħmir, soġġett għat-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju li tkopri r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ikkawżati minn tali tagħmir. Dik il-valutazzjoni jenħtieġ li tinkludi stima tal-iskala tal-użu tat-tagħmir. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' spezzjoni, huwa meħtieġ li kull Stat Membru jkollu jistabbilixxi reġistru tat-tagħmir ta' applikazzjoni fl-użu professjonali u li jżomm dak ir-reġistru aġġornat. Peress li xi tagħmir ta' applikazzjoni ma għandux IDs uniċi, huwa meħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-provvista ta' ID uniku għal tali tagħmir ta' applikazzjoni biex jiġi żgurat li t-tagħmir kollu jiġi identifikat fiżikament.

(37) Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress miksub fit-tnaqqis tar-riskji u tal-impatti negattivi għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mill-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, huwa meħtieġ li titkompla tintuża s-sistema ta' indikaturi tar-riskju armonizzati stabbilita skont id-Direttiva (UE) 2009/128/KE.

(38) Fil-kalkolu ta' dawn l-indikaturi tar-riskju armonizzati u fil-progress lejn l-ilħuq ta' miri vinkolanti tal-Unjoni u nazzjonali bbażati fuq l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, jenħtieġ li tintuża *data* statistika dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti miġbura f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40]. Minħabba li l-użu tal-pestiċidi jvarja bejn is-snin skont, b'mod partikolari, it-temp, huwa xieraq perjodu ta' referenza ta' tliet snin biex jitqiesu dawn il-varjazzjonijiet. Il-perjodu ta' referenza għall-kalkolu tal-indikaturi tar-riskju armonizzati 1 u 2 huwa l-2011–2013, peress li dan kien l-ewwel perjodu ta' tliet snin li għalih il-Kummissjoni rċeviet id-*data* skont ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 u jikkoinċidi mad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/128/KE. Il-perjodu ta' referenza għall-kalkolu tal-progress lejn il-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030 huwa l-2015–2017, peress li dawn kienu l-aktar tliet snin riċenti li għalihom kienet disponibbli id-*data* fiż-żmien tat-tħabbir tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt". Il-perjodu ta' referenza għall-kalkolu ta' indikatur ġdid tar-riskju armonizzat 2a huwa l-2022–2024, peress li dan se jkun l-ewwel perjodu ta' tliet snin li għalih se tkun disponibbli d-*data* dwar iż-żoni ttrattati taħt kull awtorizzazzjoni għal sitwazzjoni ta' emerġenza fil-protezzjoni tal-pjanti.

(39) Għalissa, l-unika *data* statistika robusta disponibbli fil-livell tal-Unjoni relatata mal-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti hija l-istatistika dwar il-kwantitajiet ta' sustanzi attivi fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq, u d-*data* dwar l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza fil-protezzjoni tal-pjanti mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Dik l-istatistika tintuża fil-kalkolu tal-indikaturi tar-riskju

40 Ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-istatistika li tikkonċerna l-pestiċidi (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 1).

armonizzati 1 u 2 skont id-Direttiva 2009/128/KE u fil-kalkolu tal-progress lejn il-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030 u l-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 vinkolanti ibbażati fuq l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt. L-indikatur il-ġdid tar-riskju armonizzat 2a se jiġi kkalkolat bl-użu ta' statistika dwar l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza fil-protezzjoni tal-pjanti, il-proprjetajiet tas-sustanzi attivi fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti soġġetti għal dawn l-awtorizzazzjonijiet, u ż-żoni ttrattati taħt dawn l-awtorizzazzjonijiet biex ir-riskji li jirriżultaw mill-awtorizzazzjonijiet għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza fil-protezzjoni tal-pjanti jiġu kkwantifikati aħjar.

(40) Għal raġunijiet ta' trasparenza, u biex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi mill-Istati Membri kollha, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-progress lejn l-ilħuq taż-żewġ miri għat-tnaqqis tal-Unjoni u ż-żewġ miri għat-tnaqqis nazzjonali sal-2030 u l-metodoloġija għall-kalkolu tal-indikaturi tar-riskju armonizzati fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'Anness ta' dan ir-Regolament.

(41) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tirrikonoxxi l-ħtieġa għal azzjoni urġenti biex tiġi protetta l-bijodiversità. Hemm evidenza ta' tnaqqis mifrux tal-ispeċijiet, b'mod partikolari l-insetti u l-pollinaturi, fl-Unjoni. It-telfien tal-bijodiversità huwa, fost fatturi oħra, xprunat mill-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, filwaqt li l-azzjonijiet tal-Istati Membri skont l-istrumenti ta' politika attwali tal-Unjoni għadhom ma setgħux iwaqqfu din ix-xejra ta' telfien tal-bijodiversità. Għalhekk huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jintużaw b'tali mod li jtaffi r-riskju ta' effetti ta' ħsara ta' tali prodotti fuq l-organiżmi selvaġġi, permezz ta' għadd ta' miżuri li jinkludu t-taħriġ, l-ispezzjoni tat-tagħmir ta' applikazzjoni fl-użu professjonali u l-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku u taż-żoni sensittivi.

(42) Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont dan ir-Regolament.

(43) Sabiex jiġu infurzati l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu infurzati. Il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, proprozjonati u dissważivi. Huwa importanti wkoll li l-Istati Membri jiġu previsti jirkupraw il-kostijiet relatati mat-twettiq tal-obbligi skont dan ir-Regolament permezz ta' tariffi jew imposti sabiex jiġi żgurat li jkun hemm disponibbli riżorsi finanzjarji adegwati għall-awtoritajiet kompetenti.

(44) Billi l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent minn riskji u impatti assoċjati mal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jilħaq il-miri stabbiliti fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala tal-użu tagħhom u l-kumplessità u l-effetti tal-profili tar-riskju assoċjati magħhom, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(45) L-attivitajiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti, jew minn korpi oħra jew minn persuni fiżiċi li lilhom ikunu ġew iddelegati kompiti ta' kontroll uffiċjali, sabiex tiġi

vverifikata l-konformità mill-operaturi ma' dan ir-Regolament, huma, bl-eċċezzjoni ta' kompiti ta' kontroll relatati mat-tagħmir użat għall-applikazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, regolati mir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[41] Għalhekk, dan ir-Regolament jeħtieġ li jipprevedi biss kontrolli u awditi fir-rigward tal-ispezzjoni tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali.

(46) Sabiex jittieħed kont tal-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda d-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi tal-utenti professjonali u tal-konsulenti relatati mal-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara, mal-ispezzjoni tat-tagħmir tal-applikazzjoni fl-użu professjonali, mal-kalkolu tal-indikaturi tar-riskju armonizzati, mad-*data* li għandha tiġi pprovduta fir-rapporti annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni u mal-formola ta' notifika fir-rigward tat-tagħmir tal-applikazzjoni kif ukoll l-Annessi II III, IV, V u VI. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika kriterji preċiżi fir-rigward ta' ċerti fatturi li jirrigwardaw l-inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, ladarba l-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi jippermettu l-iżvilupp ta' tali kriterji preċiżi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[42]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(47) Sabiex jiġi vvalutat jekk dan ir-Regolament jilħaqx l-objettivi tiegħu b'mod effettiv u effiċjenti, jekk huwiex koerenti u għadux rilevanti u jekk jipprovdix valur miżjud fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(48) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-entrati li għandhom isiru minn utenti professjonali fir-reġistru elettroniku tal-ġestjoni integrata tal-pesti u tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għas-sommarju u l-analiżi mill-awtoritajiet kompetenti tal-

---

41 Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

42 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

informazzjoni f'dak ir-reġistru u l-għoti ta' informazzjoni dwar inċidenti ta' avvelenament akut u avvelenament kroniku, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43].

(49) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Istati Membri se tirriżulta f'obbligi ġodda u mtejba għall-bdiewa u għall-utenti l-oħra tal-pestiċidi. Xi wħud minnhom jikkostitwixxu rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u standards ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art kif elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], li, f'konformità ma' dak ir-Regolament, il-bdiewa jridu jikkonformaw magħhom biex jirċievu pagamenti tal-PAK, filwaqt li rekwiżiti oħra, li jmorru lil hinn mil-linja bażi tar-rekwiżiti obbligatorji, jistgħu jiġu ppremjati b'pagamenti addizzjonali taħt reġimi volontarji bħall-ekoskemi skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/2115. L-Artikolu 31(5), il-punti (a) u (b), u l-Artikolu 70(3), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (UE) 2021/2115 jipprevedu li l-finanzjament tal-PAK ikun disponibbli biss għal prattiki implimentati skont ekoskema jew impenn agroambjentali-klimatiku li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji rilevanti ta' ġestjoni u l-istandards ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin tal-art stabbiliti skont dak ir-Regolament u r-rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-liġi nazzjonali u tal-Unjoni. Peress li l-bdiewa u utenti oħra jeħtieġ li jiġu appoġġati finanzjarjament fit-tranżizzjoni tagħhom lejn użu aktar sostenibbli tal-pestiċidi, ir-Regolament (UE) 2021/2115 jeħtieġ li jiġi emendat biex jippermetti l-finanzjament tar-rekwiżiti imposti f'konformità ma' dan ir-Regolament matul perjodu tranżizzjonali. Din l-għażla eċċezzjonali għall-Istati Membri biex jipprovdu finanzjament addizzjonali għal miżuri meħuda fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tapplika għal kwalunkwe obbligu għall-bdiewa u utenti oħra li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi prattiki tal-biedja obbligatorji imposti mir-regoli speċifiċi għall-għellejel għall-ġestjoni integrata tal-pesti. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 73(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-investimenti mill-bdiewa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda imposti mil-liġi tal-Unjoni jistgħu jiġu appoġġati għal massimu ta' 24 xahar mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda. Bl-istess mod, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' tranżizzjoni itwal għall-investimenti li jikkonformaw mar-rekwiżiti imposti fuq il-bdiewa f'konformità ma' dan ir-Regolament. Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

---

43 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

44 Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

(50) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi jkunu jistgħu jħejju għar-rekwiżiti introdotti minnu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti billi jipprevedi l-istabbiliment, u l-ksib, sal-2030, ta' miri ta' tnaqqis għall-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għar-riskju minnhom, l-istabbiliment ta' rekwiżiti għall-użu, il-ħżin, il-bejgħ u r-rimi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u għat-tagħmir ta' applikazzjoni, jipprevedi t-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni, u jipprevedi l-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tal-pesti.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-prodotti, fl-għamla li fiha jiġu fornuti lill-utent, li jikkonsistu minn sustanzi attivi, aġenti protettivi jew sinerġizzanti jew li fihom sustanzi attivi, aġenti protettivi jew sinerġizzanti, u li huma maħsuba għal wieħed mill-użi li ġejjin:

(a) li jipproteġu lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti kontra l-organiżmi kollha li jagħmlu l-ħsara jew li jipprevjenu l-azzjoni ta' dawn l-organiżmi, sakemm l-iskop prinċipali ta' dawn il-prodotti ma jitqiesx li huwa għal raġunijiet ta' iġjene pjuttost milli għall-protezzjoni tal-pjanti jew tal-prodotti tal-pjanti;

(b) li jinfluwenzaw il-proċessi tal-ħajja tal-pjanti, bħal sustanzi li jinfluwenzaw it-tkabbir tagħhom, għajr bħala nutrijent jew bijostimulant tal-pjanti;

(c) li jippreservaw il-prodotti tal-pjanti, sakemm dawn is-sustanzi jew dawn il-prodotti ma jkunux soġġetti għal dispożizzjonijiet speċjali tal-Unjoni dwar il-preservattivi;

(d) li jeqirdu pjanti jew partijiet ta' pjanti mhux mixtieqa, ħlief l-alka sakemm il-prodotti ma jiġux applikati fil-ħamrija jew fl-ilma biex jiġu protetti l-pjanti;

(e) li jikkontrollaw jew jipprevjenu t-tkabbir mhux mixtieq ta' pjanti, ħlief l-alka sakemm il-prodotti ma jiġux applikati fil-ħamrija jew l-ilma sabiex jipproteġu l-pjanti.

Dawn il-prodotti huma msejħa "prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti".

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "prodott kimiku għall-protezzjoni tal-pjanti" tfisser prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih sustanza attiva kimika eskluż il-prodotti tal-pjanti li jużaw mezzi naturali ta' oriġini bijoloġika jew sustanzi identiċi għalihom, bħal mikroorganiżmi, sustanzi

semjokimiċi, estratti minn prodotti tal-pjanti kif iddefiniti fl-Artikolu 3(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, jew makroorganiżmi invertebrati;

(2) "prodott għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx" tfisser prodott għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

(3) "sustanza attiva kimika" tfisser sustanza attiva għajr mikroorganiżmu, sustanza semjokimika jew estratti minn prodott tal-pjanti kif iddefinit fl-Artikolu 3(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

(4) "bijodiversità" tfisser bijodiversità kif iddefinita fl-Artikolu 3(29) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

(5) "prodott għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikoluż" tfisser prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih sustanza attiva waħda jew aktar approvati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u elenkat fil-Parti E tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, jew li fih sustanza attiva waħda jew aktar elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/408;

(6) "erja agrikola utilizzata" tfisser erja agrikola utilizzata kif iddefinita fl-Artikolu 2, il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45];

(7) "utent professjonali" tfisser kwalunkwe persuna li tuża prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fl-attivitajiet professjonali tagħha;

(8) "distributur" tfisser kwalunkwe persuna li tagħmel prodott għall-protezzjoni tal-pjanti disponibbli fis-suq, inkluż bejjiegħ bl-ingrossa, fornitur jew bejjiegħ bl-imnut;

(9) "konsulent" tfisser kwalunkwe persuna li tagħti pariri dwar il-ġestjoni integrata tal-pesti u l-użu sikur tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, fil-kuntest ta' kapaċità professjonali jew servizz kummerċjali, inklużi servizzi ta' konsulenza privati u pubbliċi;

(10) "tagħmir ta' applikazzjoni" tfisser kwalunkwe tagħmir li l-użu tiegħu għall-applikazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun raġonevolment prevedibbli fiż-żmien tal-manifattura, u aċċessorji li huma essenzjali għat-tħaddim effettiv ta' tali tagħmir, bl-eċċezzjoni ta' tagħmir iddisinjat għaż-żrigħ jew għat-tħawwil ta' materjal ta' propagazzjoni ttrattat bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(11) "tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali" tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) tagħmir ta' applikazzjoni li jintuża minn utent professjonali għall-applikazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

---

[45] Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1).

(b) tagħmir ta' applikazzjoni bi driegħi orizzontali jew vertikali jew magni tal-bexx bil-pressa għall-ġonna tas-siġar tal-frott, kemm jekk ikun qed jintuża għall-applikazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll jekk le;

(12) "applikazzjoni mill-ajru" tfisser l-applikazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti minn inġenju tal-ajru;

(13) "inġenju tal-ajru mingħajr ekwipaġġ" tfisser kwalunkwe inġenju tal-ajru li jitħaddem jew li huwa maħsub biex jitħaddem b'mod awtonomu jew li jitħaddem mill-bogħod mingħajr bdot abbord;

(14) "prodott għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzat għall-użu professjonali" tfisser prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun ġie awtorizzat għall-utenti professjonali biss f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

(15) "ġestjoni integrata tal-pesti" tfisser kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-mezzi kollha disponibbli li jiskoraġġixxu l-iżvilupp ta' popolazzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara, filwaqt li l-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti jinżamm f'livelli li huma ekonomikament u ekoloġikament ġustifikati u li jimminimizzaw ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent;

(16) "żona sensittiva" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) żona użata mill-pubbliku ġenerali, bħal park jew ġnien pubbliku, żoni ta' rikreazzjoni jew dawk sportivi, jew mogħdija pubblika;

(b) żona użata l-aktar minn grupp vulnerabbli kif iddefinit fl-Artikolu 3(14) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

(c) insedjamenti umani (komunità fejn jgħixu u jaħdmu n-nies), iddefiniti skont il-livell ta' klassifikazzjoni 1 (Superfiċji artifiċjali) tal-verżjoni l-aktar aġġornata tal-inventarju tal-kopertura tal-art CORINE (Coordination of information on the Environment) Land Cover, li hija mmaniġġjata mill-EEA, (minbarra l-Livell 2 – 1.2: Unitajiet industrijali, kummerċjali u tat-trasport u l-Livell 2 – 1.3: Siti ta' minjieri, miżbliet u tal-kostruzzjoni)[46];

(d) żona urbana koperta minn kanal tal-ilma jew minn element idrografiku;

(e) żoni mhux produttivi kif iddefiniti skont l-istandards tal-UE dwar il-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art (KAAT), l-istandard 8 tal-KAAT elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115.

(f) żona ekoloġikament sensittiva, li tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) kwalunkwe żona protetta skont id-Direttiva 2000/60/KE, inklużi żoni ta' salvagwardja possibbli kif ukoll modifiki ta' dawk iż-żoni wara r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju għall-punti ta' astrazzjoni tal-ilma tax-xorb

[46] Ara "CORINE Land Cover nomenclature conversion to Land Cover Classification system" (https://land.copernicus.eu/eagle/files/eagle-related-projects/pt_clc-conversion-to-fao-lccs3_dec2010) u għall-inventarju tal-Kopertura tal-Art CORINE (CLC) (Kopertura tal-Art CORINE — is-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Art ta' Copernicus).

skont id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47];

(ii) siti ta' importanza Komunitarja fil-lista msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 92/43/KEE u ż-żoni speċjali ta' konservazzjoni nnominati f'konformità mal-Artikolu 4(4) ta' dik id-Direttiva, u żoni ta' protezzjoni speċjali kklassifikati skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KE, u kwalunkwe żona protetta nazzjonali, reġjonali, jew lokali oħra rrappurtata mill-Istati Membri lill-inventarju taż-żoni protetti nnominati fil-livell nazzjonali (CDDA);

(iii) kwalunkwe żona li għaliha l-monitoraġġ tal-ispeċijiet ta' pollinaturi mwettaq f'konformità mal-Artikolu 17(1), il-punt (f), tar-Regolament xxx/xxx [*għandha tiddaħħal ir-referenza għall-att adottat*] jistabbilixxi li ssostni speċi waħda jew aktar ta' pollinaturi li l-Listi l-Ħomor Ewropej jikklassifikaw bħala mhedda mill-estinzjoni.

(17) "pest ta' kwarantina" tfisser pest ta' kwarantina kif iddefinit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48];

(18) "speċijiet aljeni invażivi" tfisser speċijiet aljeni invażivi kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49];

(19) "ilma tal-wiċċ" tfisser korp ta' ilma tal-wiċċ kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva 2000/60/KE;

(20) "ilma ta' taħt l-art" tfisser korp ta' ilma ta' taħt l-art kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tad-Direttiva 2000/60/KE;

(21) "indikatur tar-riskju" tfisser kejl li jindika l-bidla relattiva fir-riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent assoċjati mal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u kkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI;

(22) "metodi mhux kimiċi" tfisser alternattivi għall-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti;

(23) "kontroll bijoloġiku" tfisser il-kontroll ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti bl-użu ta' mezzi naturali ta' oriġini bijoloġika jew sustanzi identiċi għalihom, bħal mikroorganiżmi, sustanzi semjokimiċi, estratti minn prodotti tal-pjanti kif iddefinit fl-Artikolu 3(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, jew makroorganiżmi invertebrati.

---

47 Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

48 Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p 4).

49 Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

# KAPITOLU II

# MIRI TA' TNAQQIS GĦALL-PRODOTTI KIMIĊI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-PJANTI

*Artikolu 4*

**Miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030 għall-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti**

1. Kull Stat Membru għandu jikkontribwixxi, permezz tal-adozzjoni u l-ksib tal-miri nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 5, biex sal-2030 jinkiseb tnaqqis ta' 50 % madwar l-Unjoni kollha kemm tal-użu u r-riskju tal-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti ("il-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030 nru 1") kif ukoll tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi ("il-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030 nru 2"), meta mqabbel mal-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017 (imsejħa kollettivament "il-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030").

2. Il-progress lejn il-ksib tal-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030 għandu jiġi kkalkulat kull sena mill-Kummissjoni f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I.

*Artikolu 5*

**Miri ta' tnaqqis tal-Istati Membri għall-2030 għall-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti**

1. Sa …*[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data – sitt xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] kull Stat Membru għandu jadotta miri nazzjonali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu biex sal-2030 jinkiseb tnaqqis stabbilit f'konformità ma' dan l-Artikolu, mill-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017, ta' dawn li ġejjin:

   (a) l-użu u r-riskju tal-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti kif iddefiniti fl-Anness I ("il-mira nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 nru 1");

   (b) l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi kif iddefiniti fl-Anness I ("il-mira nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 nru 2").

   Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, iż-żewġ miri ta' tnaqqis nazzjonali elenkati fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu huma kollettivament imsejħa l-"miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030".

2. Il-progress ta' kull Stat Membru lejn il-ksib tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 għandu jiġi kkalkulat kull sena mill-Kummissjoni f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I.

3. Kull Stat Membru għandu jilħaq il-miri msemmija fil-paragrafu 1 sal-2030. Stat Membru li jilħaq il-livell ta' wieħed mill-miri ta' tnaqqis nazzjonali għall-2030 qabel l-2030 ma għandux ikun rikjest jagħmel sforzi addizzjonali ta' tnaqqis. Għandu jimmonitorja l-fluttwazzjonijiet annwali sabiex iżomm il-progress milħuq fir-rigward ta' dik il-mira ta' tnaqqis nazzjonali għall-2030.

4. Soġġett għall-paragrafi 5 sa 8, il-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 għandhom jiġu stabbiliti f'livell biex jinkiseb tnaqqis ta' mill-inqas 50 % bejn il-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017 u s-sena 2030 fl-Istat Membru rilevanti.

5. Stat Membru jista' jnaqqas il-mira nazzjonali tiegħu għall-użu u r-riskju ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti msemmija fil-paragrafu 4 għal perċentwal li huwa punt tan-nofs bejn iċ-ċifra relatata mal-intensità kif stabbilit fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu u ċ-ċifra relatata mal-użu u r-riskju kif stabbilit fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Fejn dak il-perċentwal ikun ogħla minn 50 %, l-Istat Membru għandu jżid il-mira nazzjonali tiegħu għal dak il-perċentwal.

Iċ-ċifra relatata mal-intensità għandha tkun din li ġejja:

(a) 35 % fejn l-intensità ponderata tal-użu u r-riskju ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti ta' Stat Membru matul il-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017 tkun inqas minn 70 % tal-medja tal-Unjoni;

(b) 50 % fejn l-intensità ponderata tal-użu u r-riskju ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti ta' Stat Membru matul il-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017 tkun bejn 70 % u 140 % tal-medja tal-Unjoni;

(c) 65 % fejn l-intensità ponderata tal-użu u r-riskju ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti ta' Stat Membru matul il-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017 tkun aktar minn 140 % tal-medja tal-Unjoni.

Iċ-ċifra relatata mal-użu u r-riskju għandha tkun din li ġejja:

(a) fejn Stat Membru jkun kiseb tnaqqis fl-użu u fir-riskju tal-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti akbar mill-medja tal-Unjoni bejn il-medja tas-snin 2011, 2012 u 2013 u l-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017, ċifra li tiġi stabbilita bit-tnaqqis minn 50% tad-differenza bejn it-tnaqqis miksub u t-tnaqqis medju tal-Unjoni.

(b) fejn Stat Membru jkun żied l-użu u r-riskju tal-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti, jew ikun għamel tnaqqis iżgħar mill-medja tal-Unjoni bejn il-medja tas-snin 2011, 2012 u 2013 u l-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017, ċifra li tiġi stabbilita biż-żieda ma' 50 % tad-differenza bejn it-tnaqqis jew, jekk applikabbli, iż-żieda miksuba u t-tnaqqis medju tal-Unjoni, iżda mingħajr ma jinqabeż is-70 %.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "intensità ponderata tal-użu u r-riskju ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti" tfisser valur li jikkorrispondi mal-kilogrammi ta' sustanzi attivi kimiċi fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mibjugħa kull sena fi Stat Membru, ponderati skont il-ponderazzjoni tal-periklu tagħhom kif stabbilit fir-ringiela (iii) tat-Tabella tal-Anness I, diviża bin-numru ta' ettari ta' erja agrikola utilizzata f'dak l-Istat Membru.

6. Stat Membru jista' jnaqqas il-mira nazzjonali tiegħu għall-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi msemmija fil-paragrafu 4 għal perċentwal li huwa punt tan-nofs bejn iċ-ċifra relatata mal-intensità kif stabbilita fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu u ċ-ċifra relatata mal-użu kif stabbilita fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Fejn dak il-perċentwal ikun ogħla minn 50 %, l-Istat Membru għandu jżid il-mira nazzjonali tiegħu sa dak il-perċentwal.

Iċ-ċifra relatata mal-intensità għandha tkun din li ġejja:

(a) 35 % meta l-intensità tal-użu ta' Stat Membru tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti l-aktar perikolużi matul il-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017 tkun inqas minn 70 % mill-medja tal-Unjoni;

(b) 50 % meta l-intensità tal-użu ta' Stat Membru tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti l-aktar perikolużi matul il-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017 tkun bejn 70 % u 140 % tal-medja tal-Unjoni;

(c) 65 % meta l-intensità tal-użu u r-riskju ta' Stat Membru tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti l-aktar perikolużi matul il-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017 tkun aktar minn 140 % tal-medja tal-Unjoni.

Iċ-ċifra relatata mal-użu għandha tkun din li ġejja:

(a) meta Stat Membru jkun kiseb tnaqqis ikbar fl-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi mill-medja tal-Unjoni bejn il-medja tas-snin 2011, 2012 u 2013 u l-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017, ċifra li tiġi stabbilita bit-tnaqqis minn 50 % tad-differenza bejn it-tnaqqis miksub u t-tnaqqis medju tal-Unjoni.

(b) meta Stat Membru jkun żied l-użu u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi, jew ikun għamel tnaqqis iżgħar mill-medja tal-Unjoni bejn il-medja tas-snin 2011, 2012 u 2013 u l-medja tas-snin 2015, 2016 u 2017, ċifra li tiġi stabbilita biż-żieda ma' 50 % tad-differenza bejn it-tnaqqis jew, jekk applikabbli, iż-żieda miksuba u t-tnaqqis medju tal-Unjoni, iżda mingħajr ma jinqabeż is-70 %.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "intensità tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi" tfisser valur li jikkorrispondi mal-kilogrammi ta' sustanzi attivi kimiċi fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi mibjugħa kull sena fl-Istat Membru kkonċernat diviż bin-numru ta' ettari ta' erja agrikola utilizzata f'dak l-Istat Membru.

7. L-Istati Membri b'reġjuni ultraperiferiċi, kif elenkati fl-Artikolu 349 tat-Trattat, jistgħu jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn ir-reġjuni fir-rigward tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti meta jadottaw miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-għelejjel partikolari f'dawn ir-reġjuni.

8. L-applikazzjoni tal-paragrafu 5, il-paragrafu 6 u l-paragrafu 7 fl-ebda każ ma tista' twassal biex xi waħda mill-miri ta' tnaqqis nazzjonali għall-2030 tkun inqas minn 35 %.

9. Sa …*[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data – seba' xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], kull Stat Membru għandu jikkomunika l-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 lill-Kummissjoni.

10. Jekk Stat Membru jonqos milli jadotta mira nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 sa …*[ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data – sitt xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], dik il-mira għandha titqies li tkun jew 50 %; jew, fejn il-perċentwal ikun ogħla minn 50 % f'konformità mal-paragrafu 5 jew il-paragrafu 6, dak il-perċentwal ogħla.

*Artikolu 6*

**Valutazzjoni inizjali tal-miri nazzjonali mill-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 ikkomunikati lilha f'konformità mal-Artikolu 5(9) u l-informazzjoni li tispjega kwalunkwe tnaqqis fil-miri magħmula f'konformità mal-Artikolu 5(5) jew mal-Artikolu 5(6).

2. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-informazzjoni li tkun disponibbli għaliha, li l-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 ikkomunikati minn Stat Membru jeħtieġ li jiġu stabbiliti f'livell aktar ambizzjuż, hija għandha, sa …*[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data – sena wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], tirrakkomanda li l-Istat Membru jżid il-livell tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik ir-rakkomandazzjoni pubblika.

3. Fejn Stat Membru jaġġusta l-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 kif irrakkomandat mill-Kummissjoni, huwa għandu jemenda l-miri nazzjonali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu f'konformità mal-Artikolu 5 u jinkludi l-miri aġġustati fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu flimkien mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

4. Meta Stat Membru jiddeċiedi li ma jaġġustax il-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 tiegħu, kif irrakkomandat mill-Kummissjoni, huwa għandu jinkludi l-ġustifikazzjonijiet għal tali deċiżjoni fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu flimkien mat-test tar-rakkomandazzjoni.

5. L-Istati Membri li jkunu rċevew rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jikkomunikaw il-miri aġġustati, jew il-ġustifikazzjoni tagħhom għan-nuqqas ta' aġġustament tagħhom, kif applikabbli, lill-Kummissjoni sa…*[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data – 18-il xahar wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*].

6. Wara li tkun ivvalutat il-livell tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 tal-Istati Membri kollha stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5, il-Kummissjoni għandha tivverifika jekk il-medja tagħhom tkunx mill-inqas 50 % sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030 korrispondenti.

7. Jekk il-medja tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 tal-Istati Membri kollha tkun anqas minn 50 %, il-Kummissjoni għandha tirrakkomanda li Stat Membru wieħed jew aktar iżidu l-livell tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 tagħhom sabiex jinkisbu l-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030. Il-Kummissjoni għandha tippubblika kwalunkwe rakkomandazzjoni bħal din.

8. Fi żmien xahar minn meta jirċievi r-rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 7, Stat Membru għandu jieħu waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

   (a) jaġġusta l-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 tiegħu kif irrakkomandat mill-Kummissjoni, jemenda l-miri nazzjonali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu f'konformità mal-Artikolu 5 u jinkludi l-miri aġġustati fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu flimkien mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

   (b) jipprovdi ġustifikazzjonijiet għan-nuqqas ta' aġġustament tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 tiegħu kif irrakkomandat mill-Kummissjoni, u jinkludi l-ġustifikazzjonijiet għal tali deċiżjoni fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu flimkien mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

*Artikolu 7*

**Pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tax-xejriet tal-miri għat-tnaqqis tal-Unjoni u dawk nazzjonali sal-2030**

1. Sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena kalendarja, il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq sit web ix-xejriet medji fil-progress lejn il-kisba tal-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030. Dawn ix-xejriet għandhom jiġu kkalkulati bħala d-differenza bejn il-medja tas-

snin 2015-2017 u s-sena li tintemm 20-il xahar qabel il-pubblikazzjoni. Ix-xejriet għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I.

2. Il-Kummissjoni għandha taġġorna s-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 mill-inqas darba fis-sena.

3. Sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena kalendarja, il-Kummissjoni għandha tippubblika informazzjoni għal kull Stat Membru dwar ix-xejriet fil-progress lejn il-kisba tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030. Dawn ix-xejriet għandhom jiġu kkalkulati bħala d-differenza bejn il-medja tas-snin 2015-2017 u s-sena li tintemm 20-il xahar qabel il-pubblikazzjoni. Ix-xejriet għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I, fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1.

# KAPITOLU III

# PJANIJIET TA' AZZJONI NAZZJONALI

*Artikolu 8*

**Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali**

1. Sa …*[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data – 18-il xahar wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] kull Stat Membru għandu jabbozza u jippubblika fuq sit web pjan ta' azzjoni nazzjonali li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 adottati f'konformità mal-Kapitolu II;

(b) informazzjoni relatata mal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 kif stabbilit fl-Artikolu 9;

(c) dettalji tal-progress ippjanat fir-rigward tal-elementi rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament elenkati fil-Parti 2 tal-Anness II;

(d) rabta mal-partijiet relevanti tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, imfassla f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115, li jistabbilixxu l-pjanijiet għal żieda fl-erja agrikola utilizzata involuta fil-biedja organika u kif il-pjanijiet se jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-mira stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni_*Strateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent*[50] li jkun hemm 25 % tal-erja agrikola utilizzata ddedikata għall-biedja organika sal-2030;

(e) lista ta' tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali li għalih l-Istat Membru japplika rekwiżiti ta' spezzjoni differenti f'konformità mal-Artikolu 32(1);

[50] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni_Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381 final).

(f) informazzjoni dwar l-ammonti annwali stmati ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti użati illegalment jew issekwestrati permezz ta' operazzjonijiet ta' kontra l-frodi matul it-tliet snin preċedenti u kwalunkwe miżura relatata ppjanata;

(g) miżuri nazzjonali biex jiġi mħeġġeġ l-użu ta' metodi mhux kimiċi minn utenti professjonali permezz ta' inċentivi finanzjarji, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat;

(h) miżuri ppjanati u adottati biex jappoġġaw, jew jiżguraw permezz ta' rekwiżiti vinkolanti stabbiliti fil-liġi nazzjonali, l-innovazzjoni u l-iżvilupp u l-użu ta' metodi ta' kontroll mhux kimiku tal-pesti;

(i) miżuri oħra ppjanati u adottati biex jappoġġaw, jew jiżguraw permezz ta' rekwiżiti vinkolanti stabbiliti fil-liġi nazzjonali, l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni integrata tal-pesti, inklużi dawk li jinsabu f'regoli speċifiċi għall-għelejjel kif stabbilit fl-Artikolu 15(1).

Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bl-ewwel pubblikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu.

Kull Stat Membru għandu jirrieżamina l-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu mill-inqas kull tliet snin mill-ewwel pubblikazzjoni. Bħala riżultat tar-rieżami, Stat Membru jista' jemenda l-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw verżjonijiet emendati tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom u għandhom jipprovdu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali emendati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

Il-verżjonijiet aġġornati tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ppubblikati sa, u inkluż, l-2030 għandu jkun fihom l-informazzjoni elenkata fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (i).

Il-verżjonijiet aġġornati tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ppubblikati wara l-2030 għandu jkun fihom l-informazzjoni elenkata fl-ewwel subparagrafu, il-punti (c) sa (i).

2. Kull Stat Membru għandu jwettaq proċess ta' konsultazzjoni pubblika qabel l-adozzjoni jew il-modifika tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51].

3. Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandu jkun fihom sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni pubblika mwettaq qabel l-adozzjoni tagħhom u jelenkaw l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom.

4. Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandhom ikunu konsistenti mal-pjanijiet tal-Istati Membri mfassla f'konformità mad-Direttivi 91/676/KEE, 92/43/KEE, 2000/60/KE, 2008/50/KE, 2009/147/KE u (UE) 2016/2284 u mar-Regolament xxx/xxx dwar ir-restawr tan-natura [*għandha tiddaħħal referenza għall-att adottat]*, ikunu konsistenti mal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK imfassla f'konformità mar-Regolament (UE)

[51] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

2021/2115 u għandu jkun fihom spjegazzjonijiet dwar kif il-pjan ta’ azzjoni nazzjonali huwa konsistenti ma’ dawk il-pjanijiet.

5. L-Istati Membri b’reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jieħdu miżuri mfassla apposta għal dawn ir-reġjuni fil-pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali tagħhom filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet partikolari relatati mal-kundizzjonijiet klimatiċi u l-għelejjel speċifiċi f’dawn ir-reġjuni.

*Artikolu 9*

**Informazzjoni dwar il-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 fil-pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali**

1. Il-pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali ppubblikati sa, u inkluż, l-2030 għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha li ġejja relatata mal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030:

(a) lista ta’ mill-inqas il-ħames sustanzi attivi li jinfluwenzaw l-aktar ix-xejra fit-tnaqqis fl-użu u r-riskju ta’ prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti, u tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi, kif iddeterminat bl-applikazzjoni tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I, matul it-tliet snin ta’ qabel l-adozzjoni tal-pjan ta’ azzjoni nazzjonali;

(b) lista tal-għelejjel li fuqhom kull waħda mis-sustanzi attivi msemmija fil-punt (a) tintuża bl-aktar mod wiesa’ u l-għadd ta’ ettari ta’ kull għalla ttrattata;

(c) lista ta’ pesti li kontrihom jintużaw is-sustanzi attivi msemmija fil-punt (a) fuq l-għelejjel imsemmija fil-punt (b);

(d) għal kull wieħed mill-pesti msemmija fil-punt (c), lista ta’ metodi mhux kimiċi użati jew li x’aktarx ikunu disponibbli sal-2030.

2. Għal kull metodu mhux kimiku elenkat f’konformità mal-paragrafu 1, il-punt (d), il-pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali għandhom jindikaw dan kollu li ġej:

(a) l-iskala stmata tal-użu tiegħu, ibbażata fuq *data* dwar il-bejgħ ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, stħarriġiet u ġudizzju espert, matul it-tliet snin kalendarji qabel l-adozzjoni tal-pjan ta’ azzjoni nazzjonali, flimkien ma’ mira indikattiva nazzjonali biex jiżdied l-użu tiegħu sal-2030 u lista ta’ ostakli potenzjali għall-kisba ta’ din iż-żieda;

(b) lista ta’ miżuri u azzjonijiet oħrajn li għandhom jittieħdu mill-Istat Membru u minn atturi oħra biex jindirizzaw l-ostakli potenzjali msemmija fil-punt (a), bi skeda ta’ żmien dettaljata tal-passi intermedjarji u l-awtoritajiet responsabbli għal kull wieħed mill-passi li għandhom jittieħdu mill-Istat Membru.

3. Fir-rigward ta’ mill-inqas il-ħames għelejjel li influwenzaw bl-aktar mod qawwi x-xejra fl-użu u r-riskju ta’ prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti, u x-xejra fl-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi, kif iddeterminat bl-applikazzjoni tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I, matul it-tliet snin ta’ qabel l-adozzjoni tal-pjan ta’ azzjoni nazzjonali, il-pjan ta’ azzjoni nazzjonali għandu jindika dan kollu li ġej:

(a) il-perċentwal tal-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti użati fuq dawk l-għelejjel li kienu kontrolli bijoloġiċi matul it-tliet snin kalendarji ta’ qabel l-adozzjoni tal-pjan ta’ azzjoni nazzjonali, flimkien mal-miri indikattivi nazzjonali għaż-żieda ta’ dak il-perċentwal sal-2030 u lista tal-ostakli potenzjali biex jintlaħaq dak il-perċentwal miżjud;

(b) lista ta' miżuri u azzjonijiet oħra li għandhom jittieħdu mill-Istat Membru u minn atturi oħra biex jindirizzaw l-ostakli potenzjali msemmija fil-punt (a), bi skeda ta' żmien dettaljata tal-passi intermedjarji u l-awtoritajiet responsabbli għal kull pass li għandu jittieħed mill-Istat Membru.

4. Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandhom jinkludu wkoll miri indikattivi nazzjonali biex jiżdied il-perċentwal tal-bejgħ globali ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li mhumiex prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti minn perjodu ta' referenza tat-tliet snin kalendarji qabel l-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali.

*Artikolu 10*

**Rapporti annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni**

1. Sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, iżda mhux qabel [*OP: jekk jogħġbok daħħal id-data – 30 xahar wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni rapport annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni li jkun fih l-informazzjoni elenkata fl-Anness II.

2. Ir-rapport annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni għandu jinkludi:

(a) ix-xejriet kollha fil-progress lejn il-kisba tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 kif stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness II, ikkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I bħala d-differenza bejn il-medja tas-snin 2015-2017 u s-sena li tintemm 20 xahar qabel il-pubblikazzjoni;

(b) ix-xejriet kollha fil-progress lejn il-kisba tal-miri indikattivi nazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 9(2), il-punt (a), fl-Artikolu 9(3), il-punt (a), u fl-Artikolu 9(4)), ikkalkulati kull sena bħala d-differenza bejn il-livell ta' użu fit-tliet snin kalendarji ta' qabel l-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 9(1) u s-sena kalendarja li tintemm 20 xahar qabel il-pubblikazzjoni tar-rapport ta' progress u ta' implimentazzjoni annwali rilevanti;

(c) id-*data* kwantitattiva l-oħra kollha b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament kif stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness II;

(d) l-eżitu tal-evalwazzjoni tar-riżultati ta' kull indikatur tar-riskju armonizzat imwettqa f'konformità mal-Artikolu 36(1);

(e) ix-xejriet kollha fil-progress lejn l-ilħuq ta' żieda fl-erja agrikola utilizzata taħt biedja organika kif imsemmi fl-Artikolu 8(1), il-punt (d).

3. Kull Stat Membru għandu jippubblika r-rapport annwali tiegħu ta' progress u ta' implimentazzjoni fuq sit web u jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

4. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru jinkludi aktar dettalji fir-rapport annwali tiegħu ta' progress u ta' implimentazzjoni.

Fi żmien xahrejn mill-wasla tat-talba tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jwieġeb għat-talba u għandu jippubblika t-tweġiba tiegħu fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 3.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapporti annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri fuq sit web.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Aretikolu 40 li jemenda l-Anness II, sabiex tqis id-*data* relevanti għall-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

*Artikolu 11*

**Analiżi tal-Kummissjoni tar-rapporti annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni**

1. Sa …*[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data – sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], u kull sentejn wara dan sal-2030, fuq sit web il-Kummissjoni għandha tippubblika analiżi:

(a) tax-xejriet fil-progress lejn il-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030;

(b) tal-progress tal-Istati Membri lejn l-ilħuq tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030.

2. Minn …*[ OP: jekk jogħġbok daħħal id-data – erba' snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]*, il-Kummissjoni għandha tinkludi fl-analiżi msemmija fil-paragrafu 1, analiżi tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punti (a), (b) u (c).

3. Wara l-analiżi msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tagħmel rakkomandazzjoni lil Stat Membru biex jieħu kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(a) jieħu miżuri addizzjonali;

(b) iżid il-livell ta' ambizzjoni ta' kwalunkwe mira indikattiva nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 9(2), il-punt (a), fl-Artikolu 9(3), il-punt (a), u fl-Artikolu 9(4).

4. Stat Membru li jkun irċieva rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni biex jieħu miżuri addizzjonali f'konformità mal-paragrafu 3 għandu jipprovdi waħda mill-biċċiet ta' informazzjoni li ġejjin fir-rapport annwali sussegwenti tiegħu ta' progress u ta' implimentazzjoni:

(a) deskrizzjoni tal-miżuri meħuda bħala tweġiba għar-rakkomandazzjoni;

(b) ir-raġunijiet għalfejn ma ġietx segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

5. Stat Membru li jkun irċieva rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 3, il-punt (b), biex iżid il-livell ta' ambizzjoni ta' mira indikattiva nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 9(2), il-punt (a), fl-Artikolu 9(3), il-punt (a), jew fl-Artikolu 9(4) għandu jieħu waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(a) jibdel il-livell tal-mira rilevanti kif stabbilit fir-rakkomandazzjoni billi jemenda l-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu fi żmien sitt xhur wara li jirċievi r-rakkomandazzjoni;

(b) jipprovdi raġunijiet għaliex ma ġietx segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fir-rapport annwali sussegwenti tiegħu ta' progress u ta' implimentazzjoni.

6. Fejn, abbażi tal-analiżi tagħha tar-rapporti annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-progress miksub ma huwiex biżżejjed għall-ilħuq kollettiv tal-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030, hija għandha tipproponi miżuri u teżerċita s-setgħat l-oħra tagħha fil-livell tal-Unjoni sabiex tiżgura l-ilħuq kollettiv ta' dawk il-miri. Tali miżuri għandhom iqisu l-livell ta'

ambizzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030 mill-Istati Membri stabbiliti fil-miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 adottati minnhom.

7. Sa …*[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data – ħames snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar ir-rapporti annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

# KAPITOLU IV

# ĠESTJONI INTEGRATA TAL-PESTI

*Artikolu 12*

**Ġestjoni integrata tal-pesti**

1. L-utenti professjonali għandhom japplikaw ġestjoni integrata tal-pesti kif ġej:

(a) bl-applikazzjoni tal-Artikolu 13 fejn ma tkun ġiet adottata l-ebda regola speċifika għall-għellejel għall-għalla u ż-żona rilevanti f'konformità mal-Artikolu 15 mill-Istat Membru li fih joperaw;

(b) billi japplikaw regoli speċifiċi għall-għelejjel adottati mill-Istat Membru li fih joperaw għall-għalla u l-erja rilevanti f'konformità mal-Artikolu 15 u billi jwettqu l-azzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(8).

2. Il-konsulenti għandhom jipprovdu pariri li jkunu konsistenti mar-regoli speċifiċi għall-għelejjel applikabbli u mal-ġestjoni integrata tal-pesti.

*Artikolu 13*

**Obbligi tal-utenti professjonali u tal-konsulenti relatati mal-ġestjoni integrata tal-pesti**

1. L-utenti professjonali għandhom l-ewwel japplikaw miżuri li ma jeħtiġux l-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti għall-prevenzjoni jew għas-soppressjoni ta' organiżmi ta' ħsara qabel ma jirrikorru għall-applikazzjoni ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti.

2. Ir-rekords ta' utent professjonali msemmija fl-Artikolu 14(1) għandhom juru li huwa/hija jkunu kkunsidraw l-għażliet kollha li ġejjin:

– in-newba tal-għelejjel,

– l-użu ta' tekniki ta' kultivazzjoni moderni, inkluż it-teknika tat-tixtil falz, iż-żmien u d-densitajiet taż-żrigħ, iż-żrigħ minn taħt, il-kultivazzjoni assoċjata, il-ħdim ta' konservazzjoni, l-irmondar u ż-żrigħ dirett,

– l-użu ta' kultivari reżistenti jew tolleranti u ta' żrieragħ u materjal għat-tħawwil ta' kwalità għolja jew iċċertifikati,

– l-użu ta' prattiki bbilanċjati ta' fertilizzazzjoni, ta' trattament bil-ġir u ta' tisqija jew skular,

– il-prevenzjoni tal-firxa ta' organiżmi ta' ħsara b'miżuri ta' iġjene, inkluż permezz ta' tindif regolari tal-makkinarju u tat-tagħmir,

– il-protezzjoni u t-tisħiħ ta' organiżmi ta' benefiċċju importanti, inkluż b'miżuri ta' benefiċċju għall-protezzjoni tal-pjanti jew l-użu ta' infrastrutturi ekoloġiċi ġewwa u barra s-siti ta' produzzjoni,

– l-esklużjoni tal-pesti bl-użu ta' strutturi protetti, xbieki u ostakli fiżiċi oħra.

Meta utent professjonali ma jkunx applika miżura elenkata fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 14(1) għandu jkun fihom raġunijiet għal dan.

3. L-utenti professjonali għandhom jimmonitorjaw l-organiżmi ta' ħsara permezz ta' metodi u għodod xierqa. Tali metodi u għodod għandhom jinkludu mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) osservazzjonijiet fil-post;

(b) sistemi xjentifikament tajba ta' twissija, ta' tbassir u ta' dijanjożi bikrija, fejn fattibbli;

(c) l-użu ta' pariri minn konsulenti professjonali kwalifikati.

4. L-utenti professjonali għandhom jużaw kontrolli bijoloġiċi, metodi fiżiċi u metodi mhux kimiċi oħrajn. L-utenti professjonali jistgħu jużaw biss metodi kimiċi jekk ikunu meħtieġa biex jiksbu livelli aċċettabbli ta' kontroll tal-organiżmi ta' ħsara wara li jkunu ġew eżawriti l-metodi l-oħrajn kollha mhux kimiċi kif stabbilit fil-paragrafi 1,2 u 3, u meta tkun ġiet issodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-organiżmi ta' ħsara juru, abbażi ta' osservazzjoni rreġistrata, li l-miżuri kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti jeħtieġ li jiġu applikati malajr minħabba l-preżenza ta' għadd għoli biżżejjed ta' organiżmi ta' ħsara.

(b) fejn ikun iġġustifikat minn sistema ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet, jew minn konsulent li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 23, l-utent professjonali jiddeċiedi, permezz ta' deċiżjoni rreġistrata, li juża metodi kimiċi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għal raġunijiet preventivi.

5. L-utenti professjonali għandhom japplikaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkunu speċifiċi kemm jista' jkun biex jikkontrollaw l-organiżmi ta' ħsara u li jkollhom l-inqas effetti sekondarji fuq is-saħħa tal-bniedem, l-organiżmi mhux fil-mira u l-ambjent.

6. L-utenti professjonali għandhom iżommu l-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u forom oħra ta' intervent f'livelli li ma jaqbżux il-livelli li huma assolutament meħtieġa għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara, u li ma jżidux ir-riskju għall-iżvilupp tar-reżistenza f'popolazzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara. Fejn possibbli, l-utenti professjonali għandhom jużaw il-miżuri li ġejjin:

(a) rata mnaqqsa ta' applikazzjoni;

(b) tnaqqis fl-għadd ta' applikazzjonijiet;

(c) applikazzjonijiet parzjali;

(d) applikazzjoni lokalizzata.

7. Fejn ikun magħruf ir-riskju ta' reżistenza kontra miżura għall-protezzjoni tal-pjanti u fejn il-livell tal-organiżmi ta' ħsara jeħtieġ applikazzjoni ripetuta ta' dik il-miżura lill-għelejjel, l-utenti professjonali għandhom japplikaw strateġiji disponibbli ta' kontra r-reżistenza biex tinżamm l-effettività ta' dik il-miżura.

Meta miżura għall-protezzjoni tal-pjanti tinvolvi użu ripetut ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-utenti professjonali għandhom jużaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'modi differenti ta' azzjoni.

8. L-utenti professjonali għandhom iwettqu l-azzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) jivverifikaw u jiddokumentaw il-livell ta' suċċess tal-miżuri applikati għall-protezzjoni tal-pjanti abbażi tar-rekords dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u interventi oħra, u l-monitoraġġ ta' organiżmi ta' ħsara;

(b) japplikaw l-informazzjoni miksuba billi jwettqu l-azzjonijiet imsemmija fil-punt (a) bħala parti mill-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet rigward interventi futuri.

9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 40 li jemendaw dan l-Artikolu, sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi.

*Artikolu 14*

**Rekords ta' miżuri u interventi preventivi għall-protezzjoni tal-għelejjel minn utenti professjonali, u ta' pariri dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti**

1. Meta utent professjonali jieħu miżura preventiva jew iwettaq intervent, l-utent professjonali għandu jdaħħal l-informazzjoni li ġejja fir-reġistru elettroniku tal-ġestjoni integrata tal-pesti u tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti msemmi fl-Artikolu 16, li tkopri ż-żona fejn jopera l-utent professjonali:

(a) kwalunkwe miżura jew intervent preventiv u r-raġuni għal dik il-miżura jew intervent preventiv, inkluż l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-livell ta' pesti, meta ma tkun ġiet adottata l-ebda regola speċifika għall-għelejjel għall-għalla u ż-żona rilevanti mill-Istat Membru li fih jopera l-utent professjonali;

(b) kull miżura jew intervent preventiv u r-raġunijiet għal dik il-miżura preventiva jew dak l-intervent preventiv, inkluż l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-livell ta' pesti, imwettqa b'referenza għall-kriterji li jistgħu jitkejlu stabbiliti fir-regoli speċifiċi għall-għelejjel applikabbli, fejn ikunu ġew adottati regoli speċifiċi għall-għelejjel għall-għalla u ż-żona rilevanti mill-Istat Membru li fih jopera l-utent professjonali.

2. Utent professjonali għandu jdaħħal rekord elettroniku tiegħu fir-reġistru elettroniku tal-ġestjoni integrata tal-pesti u tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, imsemmi fl-Artikolu 16, tal-isem tal-konsulent tiegħu u d-dati u l-kontenut tal-parir riċevut minnu f'konformità mal-Artikolu 26(3). L-utent professjonali għandu jagħmel dawk ir-rekords disponibbli għall-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 15(2) fuq talba.

3. Utent professjonali għandu jdaħħal rekord elettroniku ta' kull applikazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skont l-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 fir-reġistru elettroniku tal-ġestjoni integrata tal-pesti u tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti msemmi fl-Artikolu 16. Utent professjonali għandu jżomm ukoll rekord elettroniku li jispeċifika jekk l-applikazzjoni saritx b'tagħmir tal-ajru jew tagħmir ibbażat fuq l-art. Fil-każ ta' applikazzjoni mill-ajru, utent professjonali għandu jispeċifika t-tip ta' tagħmir użat.

4. Sabiex tiġi żgurata struttura uniformi tal-entrati li għandhom isiru mill-utenti professjonali fir-reġistru elettroniku tal-ġestjoni integrata tal-pesti u tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta mudell standard għal tali entrati. Kwalunkwe mudell bħal dan għandu jinkludi kampijiet għall-

introduzzjoni ta' rekords li jeħtieġ li jinżammu f'konformità mal-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u għandu jirrikjedi l-użu ta' ID rikonoxxibbli. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(2).

*Artikolu 15*

**Implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tal-pesti bl-użu ta' regoli speċifiċi għall-għelejjel**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw rekwiżiti agronomiċi bbażati fuq il-kontrolli tal-ġestjoni integrata tal-pesti li jridu jiġu rrispettati meta tkun qed titkabbar jew tinħażen għalla partikolari, u li jkunu mfassla biex jiżguraw li l-protezzjoni kimika tal-għelejjel tintuża biss wara li jkunu ġew eżawriti l-metodi l-oħra kollha mhux kimiċi u meta jintlaħaq livell limitu għall-intervent ("regoli speċifiċi għall-għelejjel"). Ir-regoli speċifiċi għall-għelejjel għandhom jimplimentaw il-prinċipji ta' ġestjoni integrata tal-pesti, stabbiliti fl-Artikolu 13, għall-għalla rilevanti u għandhom jiġu stabbiliti f'att legali vinkolanti.

2. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti responsabbli biex tiżgura li r-regoli speċifiċi għall-għelejjel ikunu xjentifikament robusti u jikkonformaw ma' dan l-Artikolu.

3. Sa …*[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] kull Stat Membru għandu jkollu fis-seħħ regoli effettivi u infurzabbli speċifiċi għall-għelejjel, għall-għelejjel li jkopru erja li tammonta għal mill-inqas 90 % tal-erja agrikola utilizzata tiegħu (eskluż il-ġonna kulinari). L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ambitu ġeografiku ta' dawk ir-regoli filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet agronomiċi rilevanti, inkluż it-tip ta' ħamrija u għelejjel u l-kundizzjonijiet klimatiċi prevalenti.

4. Mill-inqas disa' xhur qabel il-mument meta regola speċifika għall-għelejjel issir applikabbli skont il-liġi nazzjonali, l-Istat Membru għandu jwettaq l-azzjonijiet kollha li ġejjin:
   (a) jippubblika abbozz għall-konsultazzjoni pubblika;
   (b) iqis il-kummenti li jkunu waslu mingħand il-partijiet ikkonċernati u l-membri tal-pubbliku dwar l-abbozz b'mod trasparenti;
   (c) jissottometti l-abbozz li jqis il-kummenti kif imsemmi fil-punt (b) lill-Kummissjoni.

5. Meta l-Kummissjoni tiġi nnotifikata b'abbozz f'konformità mal-paragrafu 4, il-punt (c), hija tista', fi żmien sitt xhur mill-wasla tal-abbozz, toġġezzjona għall-adozzjoni tiegħu minn Stat Membru, jekk tqis li l-abbozz ma jikkonformax mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 6. Jekk il-Kummissjoni toġġezzjona, l-Istat Membru għandu joqgħod lura milli jadotta l-abbozz sakemm ikun emenda t-test sabiex jirrimedja n-nuqqasijiet identifikati fl-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni. In-nuqqas ta' reazzjoni mill-Kummissjoni f'konformità ma' dan il-paragrafu għal abbozz ta' regola speċifika għall-għelejjel ma għandu jippreġudika l-ebda azzjoni jew deċiżjoni li tista' tittieħed mill-Kummissjoni skont atti oħra tal-Unjoni.

6. Ir-regoli speċifiċi għall-għelejjel għandhom jibdlu r-rekwiżiti tal-ġestjoni integrata tal-pesti stabbiliti fl-Artikolu 13 fi kriterji verifikabbli billi, fost l-oħrajn, jispeċifikaw dan li ġej:

(a) l-aktar organiżmi ta' ħsara ekonomikament sinifikanti li jaffettwaw l-għalla;

(b) l-interventi mhux kimiċi li jinvolvu kontroll kulturali, fiżiku u bijoloġiku li huma effettivi kontra l-organiżmi ta' ħsara msemmija fil-punt (a) u l-kriterji kwalitattivi jew il-kundizzjonijiet li fihom għandhom isiru dawn l-interventi;

(c) il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx jew l-alternattivi għall-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti li huma effettivi kontra l-organiżmi ta' ħsara msemmija fil-punt (a) u l-kriterji kwalitattivi jew il-kundizzjonijiet li fihom għandhom isiru dawn l-interventi;

(d) il-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti li ma humiex prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx u li huma effettivi kontra l-organiżmi ta' ħsara msemmija fil-punt (a) u l-kriterji kwalitattivi jew il-kundizzjonijiet li fihom għandhom isiru dawn l-interventi;

(e) il-kriterji kwantitattivi jew il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jintużaw prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti wara li jkunu ġew eżawriti l-mezzi l-oħrajn kollha ta' kontroll li ma jeħtiġux l-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti;

(f) il-kriterji li jistgħu jitkejlu jew il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jintużaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi wara li jkunu ġew eżawriti l-mezzi l-oħra kollha ta' kontroll li ma jeħtiġux l-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti.

(g) l-obbligu li jiġu rreġistrati l-osservazzjonijiet li juru li ntlaħaq il-valur ta' limitu rilevanti.

7. Kull Stat Membru għandu jirrieżamina r-regoli speċifiċi għall-għelejjel tiegħu kull sena u jaġġornahom fejn meħtieġ, inkluż meta dan ikun meħtieġ biex jiġu riflessi l-bidliet fid-disponibbiltà ta' għodod ta' kontroll tal-organiżmi ta' ħsara.

8. Stat Membru li jkun qed jippjana li jaġġorna regola speċifika għall-għelejjel għandu, mill-inqas sitt xhur qabel ma l-aġġornament isir applikabbli skont il-liġi nazzjonali:

(a) jippubblika abbozz tar-regoli aġġornati għal konsultazzjoni pubblika;

(b) iqis il-kummenti li jkunu waslu mingħand il-partijiet ikkonċernati u l-membri tal-pubbliku dwar l-abbozz b'mod trasparenti;

(c) jissottometti l-abbozz li jqis il-kummenti kif imsemmi fil-punt (b) lill-Kummissjoni.

9. Meta l-Kummissjoni tiġi nnotifikata b'abbozz skont il-paragrafu 8, hija tista', fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-abbozz, toġġezzjona għall-aġġornament tar-regola speċifika għall-għelejjel minn Stat Membru, jekk tqis li l-abbozz ma jikkonformax mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 6. Jekk il-Kummissjoni toġġezzjona, l-Istat Membru għandu joqgħod lura milli jaġġorna r-regola speċifika għall-għelejjel sakemm ikun emenda t-test sabiex jirrimedja n-nuqqasijiet identifikati fl-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni. In-nuqqas ta' reazzjoni mill-Kummissjoni f'konformità ma' dan il-paragrafu għal abbozz ta' regola speċifika għall-għelejjel ma għandu jippreġudika l-ebda azzjoni jew deċiżjoni li tista' tittieħed mill-Kummissjoni skont atti oħra tal-Unjoni.

10. Stat Membru b'differenzi klimatiċi jew agronomiċi sinifikanti bejn ir-reġjuni, għandu jadotta regoli speċifiċi għall-għelejjel għal kull wieħed minn dawk ir-reġjuni.

11. Kull Stat Membru għandu jippubblika r-regoli speċifiċi għall-għelejjel kollha tiegħu fuq sit web wieħed.

12. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq sit web links għas-siti web imsemmija fil-paragrafu 11 tal-Istati Membri.

13. Sa …*[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara* 7 snin *mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-adozzjoni u l-infurzar ta' regoli speċifiċi għall-għelejjel fl-Istati Membri u l-konformità ta' dawk ir-regoli mal-Artikolu 15.

*Artikolu 16*

**Reġistru elettroniku tal-ġestjoni integrata tal-pesti u tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti, jew awtoritajiet kompetenti, biex jistabbilixxu u jżommu reġistru elettroniku, jew reġistri elettroniċi, tal-ġestjoni integrata tal-pesti u tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Ir-reġistru jew ir-reġistri elettroniċi integrati tal-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara u tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkun fihom l-informazzjoni kollha li ġejja għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin mid-data tad-dħul:

(a) kull miżura jew intervent preventiv u r-raġunijiet għal dik il-miżura preventiva jew dak l-intervent preventiv imdaħħla f'konformità mal-Artikolu 14(1);

(b) l-isem tal-konsulent u d-dati u l-kontenut tal-pariri mdaħħla f'konformità mal-Artikolu 14(2);

(c) rekord elettroniku ta' kull applikazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skont l-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u rapport dwar kwalunkwe applikazzjoni mill-ajru mwettqa skont l-Artikolu 20, kif meħtieġ mill-Artikolu 14(3).

2. Ir-reġistru/i msemmi/imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu aċċessibbli għall-utenti professjonali sabiex ikunu jistgħu jdaħħlu r-rekords elettroniċi f'konformità mal-Artikolu 14.

3. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jivverifikaw il-konformità tal-utenti professjonali mal-Artikolu 14.

4. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom, darba fis-sena, jissottomettu lill-Kummissjoni sommarju u analiżi tal-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 14, u ta' kwalunkwe *data* addizzjonali dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti miġbura f'konformità mal-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

5. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkondividu d-*data* miġbura skont il-paragrafu 1, il-punti (a) u (c) ta' dan l-Artikolu, mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 2000/60/KE u (UE) 2020/2184 għall-interkonnessjoni ta' dik id-*data*, b'mod anonimizzat, ma' *data* ambjentali, tal-ilma ta' taħt l-art, u tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma, biex jittejbu l-identifikazzjoni, il-kejl u t-tnaqqis tar-riskji mill-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

6. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw aċċess għar-reġistru/i msemmija fil-paragrafu 1 lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika uffiċjali.

7. Sabiex tiġi żgurata struttura uniformi tas-sommarju u l-analiżi msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta mudell standard għal tali sommarju u analiżi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(2).

# KAPITOLU V

# UŻU, ĦŻIN U RIMI TA' PRODOTTI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-PJANTI

*Artikolu 17*

**Rekwiżiti ġenerali għall-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għall-użu professjonali u ta' tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali**

1. Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzat għall-użu professjonali jista' jintuża biss minn utent professjonali li:

   (a) inħariġlu ċertifikat tat-taħriġ talli għamel korsijiet għall-utenti professjonali f'konformità mal-Artikolu 25, jew għandu prova tad-dħul f'reġistru elettroniku ċentrali li segwa dawn il-korsijiet f'konformità mal-Artikolu 25(5), u

   (b) juża s-servizzi ta' konsulent indipendenti f'konformità mal-Artikolu 26(3).

2. Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti aktar perikolużi jistgħu jintużaw u jinxtraw biss minn utenti professjonali.

3. It-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali jista' jintuża biss minn utenti professjonali li jkollhom ċertifikat ta' taħriġ maħruġ lilhom talli għamlu korsijiet għall-utenti professjonali f'konformità mal-Artikolu 25 jew li jkollhom prova ta' dħul f'reġistru elettroniku ċentrali li għamlu dawn il-korsijiet f'konformità mal-Artikolu 25(5).

4. Fi żmien tliet snin mid-data tal-ewwel xiri, u kull tliet snin wara dan, utent professjonali għandu jissottometti t-tagħmir ta' applikazzjoni tiegħu jew tagħha għal użu professjonali għall-ispezzjoni skont l-Artikolu 31. Meta jkunu għaddew tliet snin mid-data tal-ewwel xiri ta' tagħmir ta' applikazzjoni għal użu professjonali, utent professjonali jista' juża biss dan it-tagħmir għall-applikazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, jekk dak it-tagħmir jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) it-tagħmir ikun għadda b'suċċess mill-ispezzjoni u r-riżultati jkunu ġew irreġistrati fir-reġistru elettroniku tat-tagħmir ta' applikazzjoni għal użu professjonali f'konformità mal-Artikolu 31(6);

   (b) deroga skont l-Artikolu 32(1) jew l-Artikolu 32(3) tapplika għal dak it-tagħmir.

   Fiż-żmien tas-sottomissjoni tat-tagħmir għall-ispezzjoni, is-sid tat-tagħmir jew ir-rappreżentant tiegħu jew tagħha għandhom jipprovdu lill-awtorità jew lill-korp kompetenti li jwettaq l-ispezzjoni, bl-informazzjoni meħtieġa biex l-awtorità

kompetenti tikkonforma mal-obbligi tagħha taż-żamma tar-rekords skont l-Artikolu 30(1), il-punt (b).

5. Utent professjonali għandu jispezzjona u jħaddem tagħmir ta' applikazzjoni f'konformità mal-manwal tal-istruzzjonijiet tal-manifattur.

*Artikolu 18*

**Użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'żoni sensittivi**

1. L-użu tal-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti huwa pprojbit fiż-żoni sensittivi kollha u fi tliet metri bogħod minn tali żoni. Din iż-żona ta' lqugħ ta' tliet metri ma għandhiex titnaqqas bl-użu ta' tekniki alternattivi tal-mitigazzjoni tar-riskju.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu żoni ta' lqugħ obbligatorji akbar maġenb żoni sensittivi.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, awtorità kompetenti maħtura minn Stat Membru tista' tippermetti lil utent professjonali juża prodott għall-protezzjoni tal-pjanti f'żona sensittiva għal perjodu limitat b'data tal-bidu u tat-tmiem definita b'mod preċiż li jkun l-iqsar possibbli iżda li ma jaqbiżx is-60 jum, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) hemm riskju serju u eċċezzjonali mixhud bi prova tat-tixrid ta' pesti ta' kwarantina jew ta' speċijiet aljeni invażivi;

(b) ma hemm l-ebda teknika ta' kontroll alternattiva teknikament fattibbli ta' riskju aktar baxx biex jiġi kkontrollat it-tixrid ta' pesti ta' kwarantina jew ta' speċijiet aljeni invażivi.

4. Applikazzjoni minn utent professjonali għal permess għall-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti f'żona sensittiva għandha tinkludi l-informazzjoni meħtieġa biex jintwera li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 huma ssodisfati.

5. L-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 3 għandha tiddeċiedi fuq l-applikazzjoni għal permess għall-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fi żmien ġimagħtejn mis-sottomissjoni tagħha.

6. Il-permess għall-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti f'żona sensittiva għandu jindika dan li ġej kollu:

(a) il-kundizzjonijiet għall-użu limitat u kkontrollat mill-applikant;

(b) l-obbligu li jintwerew avviżi dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq il-perimetru taż-żona li għandha tiġi trattata, u kwalunkwe għamla speċifika li dan l-avviż għandu jieħu;

(c) il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju;

(d) it-tul tal-validità tal-permess.

7. Utent professjonali li jkun ingħata permess biex juża prodott għall-protezzjoni tal-pjanti f'żona sensittiva għandu juri avviżi għal dak ir-rigward fuq il-perimetru taż-żona li għandha tiġi ttrattata fl-għamla indikata fil-permess.

8. Meta jingħata permess għall-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti f'żona sensittiva, qabel l-ewwel jum tal-validità tiegħu, l-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 3 għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-post tal-użu;

(b) l-evidenza għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti;

(c) id-data tal-bidu u tat-tmiem tal-perjodu tal-approvazzjoni tal-permess, li ma għandux jaqbeż 60 jum konsekuttivi;

(d) il-kundizzjonijiet tat-temp rilevanti li jippermettu applikazzjoni sikura;

(e) l-isem tal-prodott jew tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(f) it-tagħmir ta' applikazzjoni li għandu jintuża u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li għandhom jittieħdu.

*Artikolu 19*

**Miżuri għall-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku u tal-ilma tax-xorb**

1. L-użu tal-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti huwa pprojbit fl-ilmijiet kollha tal-wiċċ u fi tliet metri bogħod minn tali ilmijiet. Din iż-żona ta' lqugħ ta' tliet metri ma għandhiex titnaqqas bl-użu ta' tekniki alternattivi tal-mitigazzjoni tar-riskju.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu żoni ta' lqugħ obbligatorji akbar maġenb l-ilmijiet tal-wiċċ.

3. Sa …*[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa għall-evitar tad-deterjorament tal-istat tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art, kif ukoll tal-ilmijiet kostali u tal-baħar, u għandhom jippermettu l-ilħuq ta' stat tajjeb tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art, biex jiġu protetti l-ambjent akkwatiku u l-provvisti tal-ilma tax-xorb mill-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti biex jintlaħqu, tal-inqas, l-objettivi stabbiliti fid-Direttivi 2000/60/KE, 2006/118/KE, 2008/105/KE, 2008/56/KE u (UE) 2020/2184.

*Artikolu 20*

**Applikazzjoni mill-ajru ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti**

1. L-applikazzjoni mill-ajru hija pprojbita.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, awtorità kompetenti maħtura minn Stat Membru tista' tippermetti l-applikazzjoni mill-ajru minn utent professjonali fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

    (a) ma jkun hemm l-ebda metodu ta' applikazzjoni alternattiv teknikament fattibbli għall-applikazzjoni mill-ajru minħabba terren inaċċessibbli;

    (b) l-applikazzjoni mill-ajru jkollha impatt inqas negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent minn kwalunkwe metodu ta' applikazzjoni alternattiv minħabba li t-tagħmir tal-applikazzjoni mill-ajru jista' jintuża aktar malajr fuq it-terren relevanti mit-tagħmir ibbażat fuq l-art u jevita sitwazzjoni fejn jiżdied l-għadd ta' pesti tal-pjanti minħabba l-perjodu ta' żmien itwal meħtieġ għall-użu bbażat fuq l-art jew minħabba li jimminimizza l-erożjoni tal-ħamrija meta l-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp jagħmlu l-art mhux adatta għall-vetturi tal-art, u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) it-tagħmir ta' applikazzjoni installat fuq l-inġenju tal-ajru jiġi rreġistrat fir-reġistru elettroniku tat-tagħmir ta' applikazzjoni fl-użu professjonali msemmi fl-Artikolu 33(1);

(ii) l-inġenju tal-ajru jkun mgħammar b'aċċessorji li jikkostitwixxu l-aħjar teknoloġija disponibbli biex jiġu applikati b'mod preċiż il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u biex titnaqqas id-deriva sprejjata;

(iii) il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun awtorizzat għall-użu permezz ta' applikazzjoni mill-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

3. Applikazzjoni minn utent professjonali għal permess għall-applikazzjoni mill-ajru għandha tinkludi l-informazzjoni meħtieġa biex jintwera li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 huma ssodisfati.

4. Meta jingħata permess għall-applikazzjoni mill-ajru, qabel l-ewwel data possibbli tal-applikazzjoni mill-ajru, l-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 2 għandha tippubblika l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-post u l-erja tal-wiċċ tal-applikazzjoni mill-ajru indikati fuq mappa;

(b) il-perjodu ta' validità tal-permess għall-applikazzjoni mill-ajru, li għandu jkun għal perjodu limitat bid-dati tal-bidu u tat-tmiem definiti b'mod preċiż li jkun qasir kemm jista' jkun u ma għandux jaqbeż is-60 jum;

(c) il-kundizzjonijiet tat-temp rilevanti li jippermettu applikazzjoni sikura;

(d) l-isem tal-prodott jew tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(e) it-tagħmir ta' applikazzjoni li għandu jintuża u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li għandhom jittieħdu.

5. Utent professjonali li jkun ingħata permess għall-applikazzjoni mill-ajru għandu, tal-anqas jumejn qabel id-data ta' kull applikazzjoni speċifika mill-ajru, juri avviżi għal dak il-għan fuq il-perimetru taż-żona li għandha tiġi ttrattata.

*Artikolu 21*

**Użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-applikazzjoni mill-ajru minn ċerti kategoriji ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ**

1. Fejn ċerti kategoriji ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2, Stat Membru jista' jeżenta l-applikazzjoni mill-ajru b'tali inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ mill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 20(1) qabel kull applikazzjoni mill-ajru ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

2. Applikazzjoni mill-ajru b'inġenju tal-ajru mingħajr ekwipaġġ tista' tiġi eżentata mill-Istat Membru mill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 20(1) meta fatturi relatati mal-użu tal-inġenju tal-ajru mingħajr ekwipaġġ juru li r-riskji mill-użu tiegħu jkunu aktar baxxi mir-riskji li jinħolqu minn tagħmir tal-ajru ieħor u minn tagħmir ta' applikazzjoni bbażat fuq l-art. Dawn il-fatturi għandhom jinkludu kriterji relatati:

(a) mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-inġenju tal-ajru mingħajr ekwipaġġ abbord, inkluż fir-rigward tad-deriva sprejjata, l-għadd u d-daqs tar-rotors, it-tagħbija utli, il-wisa' u l-piż ġenerali tal-boom, l-għoli u l-veloċità tat-tħaddim;

(b) il-kundizzjonijiet tat-temp, inkluża l-veloċità tar-riħ;

(c) l-erja li għandha tiġi sprejjata, inkluża t-topografija tagħha;

(d) id-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati għall-użu bħala formulazzjonijiet ta' volum baxx ħafna fl-Istat Membru rilevanti;

(e) l-użu potenzjali tal-inġenju tal-ajru mingħajr ekwipaġġ flimkien ma' agrikoltura ta' preċiżjoni kinematika f'ħin reali f'ċerti każijiet;

(f) il-livell ta' taħriġ meħtieġ għall-bdoti li joperaw l-inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ abbord;

(g) l-użu konkorrenti potenzjali ta' bosta inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ fl-istess żona.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 40 li jissupplimentaw dan ir-Regolament biex jispeċifikaw kriterji preċiżi fir-rigward tal-fatturi stabbiliti fil-paragrafu 2 ladarba l-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi jippermettu l-iżvilupp ta' tali kriterji preċiżi.

*Artikolu 22*

**Ħżin, rimi u mmaniġġjar**

1. Sa …*[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ miżuri effettivi u għandhom jistabbilixxu l-istrutturi meħtieġa biex jiffaċilitaw b'mod li ma jipperikolax is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, ir-rimi sikur ta' kwalunkwe prodott għall-protezzjoni tal-pjanti mhux użat, kwalunkwe soluzzjoni dilwita li jkun fiha l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u kwalunkwe imballaġġ.

2. Fir-rigward tal-utenti professjonali, il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu rekwiżiti dettaljati dwar:

(a) il-ħżin u l-immaniġġjar sikuri tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u d-dilwizzjoni u t-taħlit tagħhom qabel l-applikazzjoni;

(b) l-immaniġġjar tal-imballaġġ u tal-fdalijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(c) it-tindif tat-tagħmir użat wara l-applikazzjoni;

(d) ir-rimi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-fdalijiet skaduti u l-imballaġġ tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa rigward il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati għal utenti mhux professjonali biex jipprevjenu u, fejn il-prevenzjoni ma tkunx possibbli, jillimitaw l-operazzjonijiet ta' mmaniġġjar perikoluż. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu miżuri relatati mal-limiti tad-daqs għall-imballaġġ jew għall-konterituri. Dawk il-miżuri jistgħu jipprevedu li l-utenti mhux professjonali jistgħu jużaw biss prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx u prodotti oħra għall-protezzjoni tal-pjanti li jkunu fl-għamla ta' formulazzjonijiet lesti għall-użu, u miżuri għall-użu ta' għeluq sikur jew ta' apparat ta' għeluq għall-imballaġġ jew il-konterituri.

4. Il-manifatturi, id-distributuri u l-utenti professjonali għandhom jiżguraw li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jinħażnu f'faċilitajiet speċifiċi tal-ħżin għall-prodotti

għall-protezzjoni tal-pjanti li jinbnew b'tali mod li jipprevjenu r-rilaxxi mhux mixtieqa.

Il-manifatturi, id-distributuri u l-utenti professjonali għandhom jiżguraw li l-post, id-daqs, il-ventilazzjoni u l-materjali tal-kostruzzjoni tal-faċilità tal-ħżin ikunu xierqa biex jipprevjenu rilaxxi mhux mixtieqa u biex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

*Artikolu 23*

**Pariri dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti**

Il-pariri dwar l-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti lil utent professjonali jistgħu jingħataw biss minn konsulent li għalih ikun inħareġ ċertifikat ta' taħriġ talli għamel korsijiet għall-konsulenti f'konformità mal-Artikolu 25 jew li jkollu provi li ddaħħal f'reġistru elettroniku ċentrali talli għamel tali korsijiet f'konformità mal-Artikolu 25(5).

# KAPITOLU VI

# BEJGĦ TA' PRODOTTI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-PJANTI

*Artikolu 24*

**Rekwiżiti għall-bejgħ ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti**

1. Distributur għandu jbigħ biss prodott għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzat għall-użu professjonali lil xerrej jew lir-rappreżentant tiegħu jew tagħha meta dak id-distributur ikun ivverifika, fil-ħin tax-xiri, li x-xerrej jew ir-rappreżentant ikun utent professjonali u jkollu ċertifikat ta' taħriġ talli għamel korsijiet għall-utenti professjonali maħruġ f'konformità mal-Artikolu 25 jew ikollu prova li ddaħħal f'reġistru elettroniku ċentrali talli għamel tali korsijiet f'konformità mal-Artikolu 25(5).

2. Meta xerrej ikun persuna ġuridika, distributur jista' jbigħ prodott għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzat għall-użu professjonali lil rappreżentant tax-xerrej tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti meta dak id-distributur ikun ivverifika, fil-ħin tax-xiri, li r-rappreżentant ikun id-detentur ta' ċertifikat ta' taħriġ talli għamel korsijieti għall-utenti professjonali maħruġ f'konformità mal-Artikolu 25 jew ikollu prova li ddaħħal f'reġistru elettroniku ċentrali talli għamel tali korsijiet f'konformità mal-Artikolu 25(5).

3. Distributur għandu jidderieġi lix-xerrej ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti biex jaqra t-tikketta tiegħu qabel l-użu u biex juża l-prodott f'konformità mal-istruzzjonijiet fuq it-tikketta u għandu jinforma lix-xerrej dwar is-sit web imsemmi fl-Artikolu 27.

4. Distributur għandu jipprovdi informazzjoni ġenerali lill-utenti mhux professjonali dwar ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mill-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inkluża l-informazzjoni dwar il-perikli, l-esponiment, il-ħżin xieraq, l-immaniġġjar, l-applikazzjoni u r-rimi sikur f'konformità mad-

Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52], u għandu jirrakkomanda prodotti alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx u modi li bihom ir-riskji jistgħu jiġu mitigati waqt l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

5. Kull distributur għandu jiżgura li jkollu biżżejjed persunal b'ċertifikat ta' taħriġ talli għamel korsijiet għad-distributuri, maħruġ f'konformità mal-Artikolu 25 jew ikollu prova li ddaħħal f'reġistru elettroniku ċentrali talli segwa tali korsijiet f'konformità mal-Artikolu 25(25) disponibbli fil-ħin tal-bejgħ biex jipprovdi tweġibiet adegwati lix-xerrejja ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fil-waqt tal-bejgħ dwar l-użu tagħhom, dwar ir-riskji relatati mas-saħħa u mal-ambjent u dwar l-istruzzjonijiet xierqa tas-sikurezza għall-immaniġġjar ta' dawk ir-riskji.

6. Id-distributur imsemmi fil-paragrafu 5 għandu jinforma lix-xerrej ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti dwar tekniki ta' kontroll inqas perikolużi qabel ma x-xerrej jixtri prodott għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju ogħla għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

# KAPITOLU VII

# TAĦRIĠ, INFORMAZZJONI U SENSIBILIZZAZZJONI

*Artikolu 25*

**Taħriġ u Ċertifikazzjoni**

1. Awtorità kompetenti maħtura f'konformità mal-paragrafu 2 għandha taħtar korp wieħed jew aktar biex jipprovdu t-taħriġ li ġej:

   (a) taħriġ inizjali u ta' segwitu lill-utenti professjonali u lid-distributuri dwar is-suġġetti elenkati fl-Anness III;

   (b) taħriġ prattiku għall-utenti professjonali dwar l-użu ta' tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali;

   (c) taħriġ estensiv għall-konsulenti dwar is-suġġetti elenkati fl-Anness III b'enfasi partikolari fuq l-applikazzjoni ta' ġestjoni integrata tal-pesti.

2. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità jew awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sistema għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tat-taħriġ kollu msemmi fil-paragrafu 1 u għall-ħruġ u t-tiġdid ta' ċertifikati ta' taħriġ, l-aġġornament tar-reġistru elettroniku ċentrali, l-għoti ta' provi tad-dħul fir-reġistru elettroniku ċentrali u s-sorveljanza fuq il-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 biex jiġi vverifikat li jkunu qed jitwettqu mill-korp li pprovda t-taħriġ.

---

[52] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

3. It-taħriġ imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jifforma parti mill-interventi ta' taħriġ stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) Nru 2021/2115.

4. Ċertifikat ta' taħriġ jew entrata f'reġistru elettroniku ċentrali għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-utent professjonali, tad-distributur jew tal-konsulent li lilu jkun ġie pprovdut it-taħriġ;

(b) l-impjegatur tal-utent professjonali, tad-distributur jew tal-konsulent li lilu jkun ġie pprovdut it-taħriġ, meta dak l-impjegatur ikun persuna ġuridika jew persuna fiżika fil-kapaċità professjonali tagħha;

(c) it-tip ta' taħriġ ipprovdut, fejn Stat Membru jipprovdi tipi differenti ta' taħriġ lil kategoriji differenti ta' utenti professjonali, distributuri jew konsulenti;

(d) id-data li fiha jkun intwera biżżejjed għarfien tas-suġġetti rilevanti elenkati fl-Anness III;

(e) l-isem tal-korp li jkun ipprovda t-taħriġ;

(f) l-għadd ta' sigħat ta' taħriġ;

(g) il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat ta' taħriġ jew tad-dħul fir-reġistru elettroniku ċentrali.

5. Awtorità kompetenti maħtura f'konformità mal-paragrafu 2 għandha tipprovdi prova elettronika tad-dħul f'reġistru elettroniku ċentrali lil utent professjonali, distributur jew konsulent fil-ħin li fih issir l-entrata. Tali prova elettronika għandha tinkludi rekord tal-perjodu ta' validità tal-entrata fir-reġistru elettroniku ċentrali.

6. Ċertifikat ta' taħriġ jew entrata f'reġistru elettroniku ċentrali għandha tkun valida għal 10 snin fil-każ ta' distributur jew utent professjonali, u għal ħames snin fil-każ ta' konsulent.

7. Soġġett għall-paragrafu 6, ċertifikat ta' taħriġ jew entrata f'reġistru elettroniku ċentrali għandhom isiru jew jiġġeddu biss jekk id-detentur taċ-ċertifikat jew il-persuna li isimha jkun iddaħħal fir-reġistru elettroniku ċentrali juru t-tlestija sodisfaċenti ta' taħriġ inizjali u ta' segwitu jew taħriġ intensiv imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a) jew (c).

8. Minkejja l-paragrafu 6, ċertifikat ta' taħriġ jista' jinħareġ lil persuna li tista' turi taħriġ minn qabel permezz ta' kwalifiki formali li juru għarfien aktar estensiv tas-suġġetti elenkati fl-Anness III milli kieku jkun riċevut fit-taħriġ imsemmi fil-paragrafu 1.

9. Awtorità kompetenti maħtura f'konformità mal-paragrafu 2 jew korp maħtur imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jirtira ċertifikat ta' taħriġ jekk dan ikun inħareġ jew imġedded b'mod żbaljat jew għandu jikkoreġi entrata fir-reġistru elettroniku ċentrali jekk din tkun ġiet introdotta b'mod żbaljat.

10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 40 li jemendaw l-Anness III, sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi.

*Artikolu 26*

**Sistema konsultattiva indipendenti**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti biex tistabbilixxi, tissorvelja u timmonitorja l-operat ta' sistema ta' konsulenti indipendenti għall-utenti professjonali. Dik is-sistema tista' tagħmel użu mill-konsulenti tal-azjendi agrikoli imparzjali msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 2021/2115, li jridu jiġu mħarrġa regolarment u jistgħu jiġu ffinanzjati skont l-Artikolu 78 tal-istess regolament.

2. L-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiżgura li kwalunkwe konsulent irreġistrat fis-sistema msemmija f'dak il-paragrafu ("konsulent indipendenti") ikun ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess u, b'mod partikolari, ma jkunx f'sitwazzjoni li, direttament jew indirettament, tista' taffettwa l-kapaċità tiegħu li jwettaq id-dmirijiet professjonali tiegħu b'mod imparzjali.

3. Kull utent professjonali għandu jikkonsulta konsulent indipendenti mill-inqas darba fis-sena għall-finijiet li jirċievi l-pariri strateġiċi msemmija fil-paragrafu 4.

4. Konsulent imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jipprovdi pariri strateġiċi dwar is-suġġetti li ġejjin:

(a) l-applikazzjoni ta' tekniki ta' kontroll rilevanti għall-prevenzjoni ta' organiżmi ta' ħsara;

(b) l-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata tal-pesti;

(c) tekniki ta' biedja ta' preċiżjoni, inkluż l-użu ta' *data* u servizzi tal-ispazju;

(d) l-użu ta' metodi mhux kimiċi;

(e) fejn ikunu meħtieġa prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti, miżuri biex jiġu mminimizzati b'mod effettiv ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, b'mod partikolari għall-bijodiversità, inklużi l-pollinaturi, minn tali użu, inklużi miżuri u tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju.

*Artikolu 27*

**Informazzjoni u sensibilizzazzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti biex tipprovdi informazzjoni lill-pubbliku, b'mod partikolari permezz ta' programmi ta' sensibilizzazzjoni, fir-rigward tar-riskji assoċjati mal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

2. L-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi sit web jew siti web iddedikati għall-għoti ta' informazzjoni dwar ir-riskji assoċjati mal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Dik l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta direttament jew billi jiġu pprovduti links għal siti web rilevanti ta' korpi nazzjonali jew internazzjonali oħra.

3. Is-siti web stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 2 għandhom jinkludu informazzjoni dwar is-suġġetti li ġejjin:

(a) ir-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent permezz ta' effetti akuti jew kroniċi relatati mal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(b) il-mod li bih ir-riskji potenzjali msemmija fil-punt (a) jistgħu jiġu mmitigati;

(c) alternattivi għall-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti;

(d) il-proċedura għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(e) permessi mogħtija skont l-Artikolu 18 jew l-Artikolu 20;

(f) link għas-sit web imsemmi fl-Artikolu 7;

(g) id-drittijiet ta' partijiet terzi li jitolbu aċċess għal informazzjoni dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti billi jindirizzaw l-awtorità kompetenti rilevanti f'konformità mal-Artikolu 67(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

*Artikolu 28*

**Informazzjoni dwar avvelenament akut u kroniku**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti biex iżżomm jew tistabbilixxi sistemi għall-ġbir u ż-żamma tal-informazzjoni li ġejja dwar inċidenti ta' avvelenament akut u kroniku li jirriżultaw mill-esponiment tal-persuni għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti:

(a) l-isem u n-numru tal-awtorizzazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti u s-sustanzi attivi involuti fl-inċident ta' avvelenament akut jew kroniku;

(b) l-għadd ta' individwi avvelenati;

(c) is-sintomi ta' avvelenament;

(d) it-tul ta' żmien u s-severità tas-sintomi;

(e) jekk inċident ta' avvelenament akut jew kroniku kkonfermat irriżultax minn:

(i) użu tajjeb ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(ii) użu ħażin ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti;

(iii) l-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li ma jkunx ġie awtorizzat; jew

(iv) inġestjoni jew esponiment intenzjonati.

2. Sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni rapport li jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-għadd ta' inċidenti ta' avvelenament akut u kroniku li jirriżultaw mill-esponiment ta' persuni għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti matul is-sena kalendarja preċedenti;

(b) l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' kull inċident ta' avvelenament.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-format għas-sottomissjoni tal-informazzjoni u d-*data* msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(2).

# KAPITOLU VIII

# TAGĦMIR TA' APPLIKAZZJONI

*Artikolu 29*

**Reġistru elettroniku tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali**

1. Sa … [*OP jekk jogħġbok daħħal id-data =* l-*ewwel jum tax-xahar wara disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], sid it-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali għandu jdaħħal il-fatt li huwa jew hija s-sid tat-tagħmir ta' applikazzjoni fir-reġistru elettroniku tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali msemmi fl-Artikolu 33, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness V, sakemm l-Istat Membru li fih is-sid juża t-tagħmir ma jkunx eżenta dak it-tagħmir mill-ispezzjoni f'konformità mal-Artikolu 32(3).

2. Jekk jinbiegħ tagħmir tal-applikazzjoni f'użu professjonali, il-bejjiegħ u x-xerrej għandhom idaħħlu l-fatt tal-bejgħ, fi żmien 30 jum wara l-bejgħ, fir-reġistru elettroniku tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali msemmi fl-Artikolu 33, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness V, sakemm it-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali ma jkunx ġie eżentat mill-ispezzjoni fl-Istat(i) Membru/i rilevanti f'konformità mal-Artikolu 32(3). Obbligu simili għad-dħul ta' trasferiment tas-sjieda fir-reġistru elettroniku japplika fil-każ ta' kwalunkwe bidla oħra fis-sjieda tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali li ma jkunx ġie eżentat mill-ispezzjoni fl-Istat(i) Membru/i rilevanti f'konformità mal-Artikolu 32(3).

3. Jekk it-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali jiġi irtirat mill-użu u ma jkunx maħsub li jerġa' jintuża, is-sid tiegħu għandu, fi żmien 30 jum wara l-irtirar mill-użu, idaħħal il-fatt li t-tagħmir ikun ġie irtirat mill-użu fir-reġistru elettroniku tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali msemmi fl-Artikolu 33, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness V.

4. Jekk it-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali jerġa' jibda jintuża, is-sid tiegħu għandu, fi żmien 30 jum wara li jerġa' jibda jintuża, idaħħal dak il-fatt fir-reġistru elettroniku tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali msemmi fl-Artikolu 33 bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness V.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 40 li jemendaw l-Anness V, sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi.

*Artikolu 30*

**Ġbir ta' informazzjoni u kontrolli**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar biex:

(a) jistabbilixxi u jżomm reġistru elettroniku ċentrali biex jirreġistra l-informazzjoni dwar it-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali kollu fl-Istat Membru;

(b) juża r-reġistru elettroniku ċentrali biex jirċievi u jipproċessa entrati ta' partijiet terzi rigward is-sjieda, it-trasferiment tas-sjieda, il-bejgħ, l-irtirar mill-użu u r-ritorn għall-użu tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali;

(c) jispezzjona, jew jissorvelja l-ispezzjoni tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 31(1), (2), (3) u (6);

(d) joħroġ, jew jissorvelja l-ħruġ ta', ċertifikati ta' spezzjoni f'konformità mal-Artikolu 31(7).

Meta l-awtorità kompetenti maħtura ma twettaqx l-ispezzjoni tat-tagħmir tal-applikazzjoni f'użu professjonali, hija għandha taħtar korp wieħed jew aktar biex iwettqu dawn l-ispezzjonijiet.

2. Kull Stat Membru għandu jwettaq kontrolli uffiċjali biex jivverifika l-konformità tal-operaturi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mat-tagħmir ta' applikazzjoni. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa ta' segwitu biex jirrimedjaw kwalunkwe nuqqas speċifiku jew sistemiku identifikat permezz tal-kontrolli mwettqa mill-esperti tal-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafi 3 u 4. Huma għandhom jagħtu l-assistenza meħtieġa biex jiżguraw li l-esperti tal-Kummissjoni jkollhom aċċess għall-proprjetà jew għal partijiet tal-proprjetà u għall-oġġetti kollha, u għall-informazzjoni, inklużi sistemi informatiċi, rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom.

3. L-esperti tal-Kummissjoni għandhom iwettqu kontrolli, inklużi awditi, f'kull Stat Membru biex jivverifikaw l-applikazzjoni tar-regoli relatati mat-tagħmir ta' applikazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-esperti jistgħu jinvestigaw u jiġbru informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali u l-prattiki ta' infurzar fil-qasam tat-tagħmir ta' applikazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha:

(a) tħejji abbozz ta' rapport dwar is-sejbiet u dwar rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati mill-esperti tagħha matul dawn il-kontrolli;

(b) tibgħat kopja tal-abbozz ta' rapport imsemmi fil-punt (a) lill-Istat Membru fejn ikunu saru dawk il-kontrolli sabiex jikkummenta dwaru;

(c) tqis il-kummenti tal-Istat Membru msemmija fil-punt (b) fit-tħejjija tar-rapport finali dwar is-sejbiet tal-kontrolli mwettqa mill-esperti tagħha fl-Istati Membri kif ipprovdut f'dan l-Artikolu;

(d) tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku r-rapport finali msemmi fil-punt (c) flimkien mal-kummenti tal-Istati Membri msemmija fil-punt (b).

*Artikolu 31*

**Spezzjoni tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali**

1. L-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 30 jew korp maħtur minnha għandha tispezzjona t-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali kull tliet snin, mid-data tal-ewwel xiri. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jkun hemm biżżejjed persunal, tagħmir u riżorsi oħra meħtieġa għall-ispezzjoni tat-tagħmir kollu ta' applikazzjoni li jkun imissu l-ispezzjoni, fiċ-ċiklu ta' tliet snin.

2. L-ispezzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tivverifika jekk it-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV.

3. L-ispezzjoni għandha titwettaq f'post fejn jista' jiġi evitat ir-riskju ta' tniġġis u ta' kontaminazzjoni tal-ilma. L-influwenza tal-kundizzjonijiet esterni fuq ir-riproduċibbiltà tar-riżultati tal-ispezzjoni, bħall-effetti tar-riħ u tax-xita, għandha tiġi minimizzata mill-awtorità jew mill-korp li jwettaq l-ispezzjoni.

4. It-tagħmir kollu meħtieġ għal spezzjoni u użat mill-ispettur għall-ittestjar tat-tagħmir ta' applikazzjoni għandu jkun preċiż, f'kundizzjoni tajba u vverifikat u, fejn meħtieġ, ikkalibrat f'intervalli regolari.

5. Is-sid tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali għandu jiżgura li t-tagħmir ta' applikazzjoni jkun nadif u sikur qabel ma tibda l-ispezzjoni.

6. Ir-riżultati ta' kull spezzjoni li għaliha t-tagħmir ta' applikazzjoni fl-użu professjonali jgħaddi mit-test għandhom jiġu rreġistrati mill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 30 fir-reġistru elettroniku ċentrali tat-tagħmir ta' applikazzjoni fl-użu professjonali msemmi fl-Artikolu 33.

7. Ċertifikat ta' spezzjoni għandu:

   (a) jinħareġ mill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 30 lis-sid tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali meta dak it-tagħmir jikkonforma mar-rekwiżiti elenkati fl-Anness IV; u

   (b) jiġi rreġistrat minn dik l-awtorità kompetenti fir-reġistru elettroniku ċentrali tat-tagħmir għall-applikazzjoni f'użu professjonali msemmi fl-Artikolu 33.

8. Rekord kif imsemmi fil-paragrafu 6 għandu jkun validu għal tliet snin sakemm l-Istat Membru ma jipprevedix intervall ta' spezzjoni differenti skont l-Artikolu 32.

9. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi ċertifikat kif imsemmi fil-paragrafu 7 jew rekord kif imsemmi fil-paragrafu 6 għat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali rreġistrat fi Stat Membru ieħor.

10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 40 li jemendaw dan l-Artikolu u l-Anness IV, sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi.

11. It-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali spezzjonat f'konformità mal-istandards armonizzati ta' spezzjoni żviluppati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53] għandu jkun preżunt li jikkonforma mar-rekwiżiti elenkati fl-Anness IV.

*Artikolu 32*

**Derogi tal-Istati Membri rigward l-ispezzjoni tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali**

[53] Ir-Regolament (UE) 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

1. Stat Membru jista', wara li jwettaq il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2, jistabbilixxi rekwiżiti ta' spezzjoni inqas stretti u jipprevedi intervalli ta' spezzjoni differenti minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 31 għal tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali li jirrappreżenta skala baxxa ħafna ta' użu stmata permezz tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2 u li hija elenkata fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali msemmi fl-Artikolu 8.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali li ġej:

(a) tagħmir tal-bexx li jiġi mmuntat fuq ferroviji jew inġenji tal-ajru;

(b) magni tal-bexx bi driegħ orizzontali li jkunu akbar minn 3 m, inklużi magni tal-bexx li jiġu mmuntati fuq tagħmir taż-żrigħ li jkun akbar minn 3 m;

(c) magni tal-bexx vertikali jew magni tal-bexx bil-pressa tal-ġonna tas-siġar tal-frott.

2. Qabel ma jistabbilixxi rekwiżiti ta' spezzjoni inqas stretti u intervalli ta' spezzjoni differenti kif imsemmi fil-paragrafu 1, Stat Membru għandu jwettaq valutazzjoni tar-riskju dwar l-impatti potenzjali tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent. L-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 30 għandha żżomm kopja tal-valutazzjoni tar-riskju għall-kontroll mill-Kummissjoni.

3. Stat Membru jista' jeżenta mill-ispezzjoni msemmija fl-Artikolu 31, tagħmir ta' applikazzjoni li jinżamm fl-idejn jew pompi tal-bexx li jintlibsu mad-dahar, f'użu professjonali, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju dwar l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent, li għandha tinkludi stima tal-iskala tal-użu. L-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 30 għandha żżomm kopja tal-valutazzjoni tar-riskju għall-kontroll mill-Kummissjoni.

4. It-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali li jkun ġie eżentat mill-ispezzjoni f'konformità mal-paragrafu 3 ma għandux ikun soġġett għar-rekwiżit li ssir entrata fir-reġistru elettroniku msemmi fl-Artikolu 29 jew għar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni msemmija fl-Artikolu 33.

*Artikolu 33*

**Reġistru elettroniku tat-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali**

1. Kull awtorità kompetenti maħtura minn Stat Membru skont l-Artikolu 30 għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru elettroniku ċentrali biex tirreġistra:

(a) informazzjoni mdaħħla minn partijiet terzi skont l-Artikolu 20(2), il-punt (b)(i), u l-Artikolu 29;

(b) rekords tal-ispezzjonijiet u ċ-ċertifikati kif stabbiliti fl-Artikolu 31(6) u (7)(b);

(c) informazzjoni oħra kif stabbilit fil-paragrafu 2 dwar it-tagħmir ta' applikazzjoni f'użu professjonali fl-Istat Membru tiegħu li ma jkunx ġie eżentat mill-ispezzjoni skont l-Artikolu 32(3).

2. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 30 għandhom, fil-ħin tal-ispezzjoni, jirreġistraw l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-korp li jwettaq l-ispezzjonijiet;

(b) l-ID unika tat-tagħmir ta' applikazzjoni, jekk disponibbli;

(c) id-data tal-manifattura, jekk disponibbli;

(d) l-isem u l-indirizz tas-sid attwali;

(e) fejn kien hemm trasferiment tas-sjieda, id-data ta' kull trasferiment u l-isem u l-indirizz tas-sidien preċedenti fl-aħħar ħames snin;

(f) id-daqs tat-tank;

(g) il-wisa' tad-driegħ orizzontali, jekk applikabbli;

(h) it-tip(i) ta' żennuna/i preżenti fuq it-tagħmir ta' applikazzjoni fil-ħin tal-ispezzjoni;

(i) fil-każ ta' magni tal-bexx bid-driegħ, jekk hemmx jew le kontroll tas-sezzjoni u/jew taż-żennuna bil-lokalizzazzjoni ġeospazjali fuq it-tagħmir ta' applikazzjoni;

(j) għal tagħmir ta' aktar minn tliet snin, id-data ta' kull spezzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 31;

(k) jekk it-tagħmir ta' applikazzjoni jkunx għadda jew le mill-ispezzjoni mwettqa skont l-Artikolu 31;

(l) ir-raġunijiet għaliex tagħmir ta' applikazzjoni ma jkunx għadda mill-ispezzjoni.

3. Meta t-tagħmir ta' applikazzjoni ma jkollux ID unika kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 30 għandhom jipprovdu ID unika.

# KAPITOLU IX

# METODOLOĠIJA GĦALL-KALKOLU TAL-MIRI TA' TNAQQIS U L-INDIKATURI ARMONIZZATI TAR-RISKJU

*Artikolu 34*

**Metodoloġija għall-kalkolu tal-progress lejn l-ilħuq taż-żewġ miri nazzjonali għat-tnaqqis u taż-żewġ miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030**

1. Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-progress lejn l-ilħuq taż-żewġ miri tal-Unjoni għat-tnaqqis sal-2030 u ż-żewġ miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 sa, u inkluż, l-2030 hija stabbilita fl-Anness I. Din il-metodoloġija għandha tkun ibbażata fuq *data* statistika miġbura f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1185/2009.

2. Bl-użu tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I, il-Kummissjoni għandha tikkalkula r-riżultati tal-progress lejn l-ilħuq taż-żewġ miri ta' tnaqqis tal-Unjoni u taż-żewġ miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 kull sena sa, u inkluż, l-2030, u għandha tippubblika dawk ir-riżultati fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 7.

*Artikolu 35*

**Metodoloġija għall-kalkolu tal-indikaturi tar-riskju armonizzati 1, 2 u 2a**

1. Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-progress fir-rigward tal-indikaturi tar-riskju armonizzati 1, 2 u 2a, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, hija stabbilita fl-Anness VI. Din il-metodoloġija għandha tkun ibbażata fuq *data* statistika miġbura f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1185/2009.

2. Bl-użu tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI, il-Kummissjoni għandha tikkalkula r-riżultati tal-indikaturi tar-riskju armonizzati 1, 2 u 2a kull sena fil-livell tal-Unjoni u għandha tippubblika r-riżultati tal-kalkolu tagħha fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 7.

3. Bl-użu tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI, kull Stat Membru għandu jikkalkula r-riżultati tal-indikaturi tar-riskju armonizzati 1, 2 u 2a fuq bażi annwali fil-livell nazzjonali.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 40 li jemendaw dan l-Artikolu u l-Anness VI sabiex jitqies il-progress tekniku, inkluż il-progress fid-disponibbiltà tad-*data* statistika, u l-iżviluppi xjentifiċi u agronomiċi. Tali atti delegati jistgħu jimmodifikaw l-indikaturi tar-riskju armonizzati eżistenti jew jipprevedu indikaturi tar-riskju armonizzati ġodda, li jistgħu jqisu l-progress tal-Istati Membri lejn l-ilħuq tal-mira li 25 % tal-erja agrikola utilizzata tagħhom tkun iddedikata għall-biedja organika sal-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 8(1), il-punt (d).

5. Sa... [*OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha tlesti evalwazzjoni tal-indikaturi tar-riskju armonizzati 1, 2 u 2a. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq riċerka xjentifika miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati, inklużi l-Istati Membri, l-esperti xjentifiċi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-evalwazzjoni għandha tinkludi l-metodoloġiji li għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' indikaturi tar-riskju armonizzati ġodda u l-modifika ta' dawk eżistenti f'konformità mal-paragrafu 4.

6. B'kont meħud tar-riżultati tal-evalwazzjoni prevista fil-paragrafu 5 u mhux aktar tard minn 18-il xahar wara l-pubblikazzjoni tal-istatistika dwar l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-agrikoltura għall-ewwel perijodu ta' referenza kif imsemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament xxx/xxx [*għandha tiddaħħal referenza għall-att adottat*], il-Kummissjoni għandha, jekk tqis li jkun xieraq, tistabbilixxi indikaturi tar-riskju armonizzati ġodda jew timmodifika dawk eżistenti abbażi ta' *data* statistika relatata mal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 36*

**Evalwazzjoni mill-Istati Membri tal-kalkoli tal-progress u l-indikaturi tar-riskju armonizzati**

1. Kull Stat Membru għandu jevalwa r-riżultati ta' kull kalkolu ta' (a) il-progress lejn l-ilħuq ta' kull waħda miż-żewġ miri nazzjonali għat-tnaqqis sal-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 34 u (b) l-indikaturi tar-riskju armonizzati fil-livell tal-Istati Membri, kif imsemmi fl-Artikolu 35, kull darba li jitwettqu l-kalkoli.

2. L-evalwazzjonijiet tal-indikaturi tar-riskju armonizzati fil-livell tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 35 għandhom:

(a) jidentifikaw ħames sustanzi attivi li jinfluwenzaw ir-riżultat bl-aktar mod sinifikanti;

(b) jispeċifikaw l-għelejjel jew is-sitwazzjonijiet u l-pesti fil-mira li fuqhom jintużaw is-sustanzi attivi msemmija fil-punt (a);

(c) jispeċifikaw il-metodi mhux kimiċi disponibbli biex jiġu miġġielda dawk il-pesti;

(d) jiġbru fil-qosor l-azzjonijiet meħuda biex jitnaqqas l-użu u r-riskju tas-sustanzi attivi msemmija fil-punt (a) u kwalunkwe ostaklu għall-adozzjoni ta' kontrolli alternattivi tal-pesti.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ir-riżultati tal-kalkoli tal-indikaturi armonizzati tar-riskju fil-livell tal-Istati Membri, kif speċifikat fl-Anness VI, u l-evalwazzjonijiet assoċjati mwettqa skont dan l-Artikolu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, u għandhom jippubblikaw din l-informazzjoni u indikaturi nazzjonali oħra jew objettivi kwantifikabbli msemmija fil-paragrafu 4 fuq is-siti web imsemmija fl-Artikolu 27(2).

4. Minbarra l-indikaturi tar-riskju armonizzati speċifikati fl-Anness VI u d-*data* speċifikata fl-Anness II, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw ukoll indikaturi nazzjonali jew objettivi kwantifikabbli eżistenti, jew jiżviluppaw oħrajn ġodda, u *data* oħra miġbura f'livell nazzjonali jew reġjonali, inkluża *data* futura dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li għandha x'taqsam mal-indikaturi u l-miri msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

# KAPITOLU X

# DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI U FINANZJARJI

*Artikolu 37*

**Informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti maħtura**

Sa … *[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*, kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti maħtura f'konformità ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 38*

**Penali**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Artikolu 39*

**Tariffi u imposti**

L-Istati Membri jistgħu jirkupraw il-kostijiet relatati mat-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament permezz ta' tariffi jew imposti.

# KAPITOLU XI

# SETGĦAT DELEGATI U PROĊEDURA TA' KUMITAT

*Artikolu 40*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-dozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 10(6), 13(9), 21(3), 25(10), 29(5), 31(10) u 35(4) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 10(6), 13(9), 21(3), 25(10), 29(5), 31(10) u 35(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 10(6), 13(9), 21(3), 25(10), 29(5), 31(10) u 35(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 41*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf stabbilit bl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

# KAPITOLU XII

# DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

*Artikolu 42*

**Evalwazzjoni tal-Kummissjoni**

1. Sa … *[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = er ba' snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]*, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament abbażi ta' dan li ġej:

(a) ix-xejriet fil-progress u *data* kwantitattiva oħra pprovduti fir-rapporti annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(2);

(b) l-analiżi tax-xejriet annwali u tad-*data* ppubblikata mill-Kummissjoni kull sentejn f'konformità mal-Artikolu 11;

(c) ir-rapport dwar ir-rapporti annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni li preċedentement kien sottomess mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 11(7);

(d) kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa għat-tħejjija tal-evalwazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dik l-evalwazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

*Artikolu 43*

**Emendi għar-Regolament (UE) 2021/2115**

---

[54] Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/2115 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 31(5), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, fejn f'konformità mar-Regolament (UE).../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *[+] jiġu imposti rekwiżiti fuq il-bdiewa, jista' jingħata appoġġ għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għal perjodu massimu li jintemm fl-aħħar waħda miż-żewġ dati — ... [*OP: daħħal id-data = 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] jew 5 snin mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda.

---

* Ir-Regolament (UE).../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill... dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 (ĠU...).";

(2) Fl-Artikolu 70 (3), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, meta f'konformità mar-Regolament (UE)…/…[++] jiġu imposti rekwiżiti fuq il-benefiċjarji, jista' jingħata appoġġ għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għal perjodu massimu li jintemm fl-aħħar waħda miż-żewġ dati —... [*OP: daħħal id-data = 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] jew 5 snin mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda.";

(3) fl-Artikolu 73(5), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, fejn f'konformità mar-Regolament (UE) …/… [++] jiġu imposti rekwiżiti fuq il-bdiewa, jista' jingħata appoġġ għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għal perjodu massimu li jintemm fl-aħħar waħda miż-żewġ dati –… [*OP: daħħal id-data = 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] jew 5 snin mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda. ".

*Artikolu 44*

**Tħassir tad-Direttiva 2009/128/KE**

1. Id-Direttiva 2009/128/KE hija mħassra.
2. Ir-referenzi għad-Direttiva 2009/128/KE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness VII.

---

[+] ĠU: Fit-test jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument... u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

[++] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument …

*Artikolu 45*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn … [*OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara ... xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] .

Madankollu, l-Artikolu 21 għandu japplika minn *[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |